Ħarġa nru. 98 - Mejju 2015

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## Hibernians inkurunati champions 2014/15

AKTAR F'PAĠNA 16

- FOOTBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
- FA TROPHY • SNOOKER • MEUSAC • GOZO SPORT
- STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSporT

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT





# Huma l-affarijiet iż-żgħar li jagħtuna l-isbaħ mumenti

Skopri 'l Limitless mobile plans li jibdew minn €24 fix-xahar fuq SIM Only

Issa b'ħafna aktar data, u aktar valur minn qatt qabel mal-Home Pack

GO Limitless

Segwina    go.com.mt/limitless



# Mejju 2015

L-istaġun tal-football ġie fi tmiemu ġimgħa ilu bil-finali tal-FA Trophy fejn Birkirkara għelbu liċ-champions Hibernians bl-iskor ta' 2-0.

Min-naħa ta' Hibernians, aktar kmieni dan ix-xahar ġew inkurunati champions meta fl-aħħar partita għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 3-1.

Għaldaqstant, Hibernians se jikkompetu fil-UEFA Champions League bit-tliet timijiet l-oħra li se jikkompetu fil-UEFA Europa League jkunu Valletta, Birkirkara u Balzan, b'dawn tal-aħħar jiktbu paġna ġdida fl-istorja tal-club hekk kif se jipparteċipaw għall-ewwel darba fil-kompetizzjonijiet Ewropej.

Min-naħa ta' Mosta, żammew posthom fil-Kampjonat Premier wara li rebħu r-Relegation/Promotion Play-Off kontra Gzira United (li spiċċaw fit-tielet post tal-Ewwel Diviżjoni) bl-iskor ta' 2-0.

Iż-żewġ timijiet promossi għall-Kampjonat Premier huma Pembroke Athleta (champions) u r-rivali St Andrew's filwaqt li San Gwann u Kirkop United rebħu l-Kampjonati tat-Tieni u tat-Tielet Diviżjoni rispettivament.

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ €25 voucher ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-FA Trophy bejn Birkirkara u Hibernians?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat tweġiba trid tikteb l isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 97 hija:*
**Hibernians rebħu l-Kampjonat għall-11-il darba**

*Ir-rebbieħa hija:*
Ms. M. Zammit - Xemxija







CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY CAR

The ideal solution to cover your car, van or motorcycle. Drive your vehicles with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:

MAPFRE | MIDDLESEA



**Search**

Laferla Car Insurance

**Contact Us**

+356 2122 4405

info@laferla.com.mt

Find us on Facebook

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2122 4405 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) is authorised as an agent for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) under the Insurance Business Act 1998 to carry out insurance business. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.






Ħarġa nru **98**

**SPORTIV**

Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Joe Borg

*Cover - Il-captain ta' Hibernians Andrew Cohen jgħolli t-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat fost il-ferħ ta' sħabu l-players*

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.


# Werrej


6 **MFA**
Il-players status reform tgħaddi b'vot b'saħħtu u unanimu

16 **Kampjonat Premier**
Hibernians champions għall-11-il darba

24 **FA Trophy**
Birkirkara għall-ħames darba

26 **L-I Diviżjoni**
Pembroke A. champions għall-ewwel darba

28 **It-II Diviżjoni**
San Ġwann jirbħu l-Kampjonat b'vantaġġ ta' tliet punti

30 **It-III Diviżjoni**
Kirkop U. jirbħu ċ-Championship Decider kontra Mgarr U.

32 **Football Nisa**
Hibernians jiksbu t-Treble

34 **Youth FA**
Qormi Nursery Viżjoni li ssarfet f'realtà

38 **Gozo Sports**
Festival Sportiv ta' suċċess kbir f'Għawdex

40 **Meusac**
Fondi Ewropej għat-Turiżmu Sportiv

42 **Snooker/Pool**
Stuart Bingham champion tad-dinja għall-ewwel darba

44 **Storja Football Malti**
Iċ-Champions Valletta jibdew b'rebħa (1960-61)

44 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Noel Baldacchino jirbaħ l-ewwel finali tas-sena

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**



mfa.com.mt

# Il-Players Status Reform tgħaddi b'vot b'saħħtu u unanimu




Il-Players Status Reform li ilu jsir xogħol fuqha għal dawn l-aħħar sentejn, mid-9 ta' Ġunju se tibda tiffunzjona wara li din ġiet approvata b'vot unanimu waqt Laqgħa Ġenerali Straodinarja.

Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, irringrazzja lil dawk kollha li emmnu fil-ħtieġa ta' din ir-riforma għall-ġid tal futbol Malti. Darmanin Demajo irringrazzja lil kulħadd u faħħar ix-xogħol kbir li sar mill-uffiċjali tal-MFA u mill-Kunsilliera kollha.

Il-president tal-MFA sejjaħ ir-riforma bħala triq 'il quddiem għall-ġid in-ġenerali tal-futbol Malti u għal ħafna żgħażagħ kienu qiegħdin isibu diffikultà fit-trasferimenti tal-plejers. Hu feraħ lill-amministraturi tal-klabbs għall-kuraġġ li wrew biex din ir-riforma issa se tidħol fis-seħħ.

### Il-Kunsill tal-MFA protagonist

Is-Segretarju Ġenerali Bjorn Vassallo, f'konferenza tal-aħbarijiet wara li ntemmet il Laqgħa Ġenerali Straordinarja, qal li jinsab kuntent li ma kien hemm l-ebda bżonn għal dan it-tibdil, fejn aċċenna li l-Kunsill tal-MFA kien bla dubju protagonist f'din it-trasformazzjoni vitali anki jekk fil-bidu mhux kulħadd qabel mall-prinċipji ppreżentati mill-MFA. Hu sejjaħ il-vot li ngħatat ir-riforma bħala wieħed b'saħħtu ħafna.

Vassallo qal li matul is-sentejn li għaddew l-MFA l-inqas li tkellmet għax ma riditx li tagħmel ħsara lil din ir-riforma għax xtaqet tasal fejn riedet mingħajr ma toħloq sensazzjonaliżmu żejjed. Is-Sur Vassallo qal li din ir-riforma kienet wegħda tal-president Darmanin Demajo għax ma riedx li l-affarijiet jibqgħu staġnati kif kienu għal ħafna snin.

Is-Segretarju Ġenerali fakkar li meta kien għadu membru tal-Kunsill tal-MFA lura fl-2007, il-kamra kienet tkun ostili għal ċertu bidliet li kienu jsiru u għalhekk il-vot li ngħata lil din ir-riforma sħiħa kien vot għaqli għax il-membri tal-Kunsill u d-delegati tal-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri għażlu li jaħdmu għall-ġid tal-futbol Malti.

Huwa qal ukoll li fil-bidu ma kienux l-aktar proposti popolari iżda minkejja dan ir riforma xorta sabet l-appoġġ totali tal-membri.

### Mument sinifikanti

Il-viċi-president Chris Bonett qal li d-deċiżjoni unanima li ħadet il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja kien l-aktar mument sinifikanti fil-presidenza ta' Norman Darmanin Demajo.

L-Avukat Bonett qal li l-futbol Malti issa daħal f'dinja aktar professjonali għaliex il-futbol sar industrija





b'saħħitha kullimkien u ma stajniex nibqgħu b'regoli ta' 40 sena ilu.

Il-viċi-president Bonett wera sodisfazzjon kbir għal mod kif il-klabbs irrispondew għal ħafna proposti li saru u għalhekk faħħar il-mod kif f'dawn l-aħħar sentejn intlaqgħu minn kulħadd anki jekk mhux neċessarjament dejjem kien hemm qbil f'kollox.

Ir-riformi li seħħew fi ħdan l-MFA taħt il-presidenza ta' Norman Darmanin Demajo kienu meħtieġa biex il-futbol Malti jkollu struttura b'saħħitha bħal Financial Fair Play li saret biex il-klabbs ma jidħlux f'xi sitwazzjoni prekarja u l-infieq isir aktar kontrollat.

Skond l-Avukat Bonett, issa l-pass li jmiss se jkun li kull amministrazzjoni ma tibqax tiddependi fuq persuna jew persuni li biex klabb jiffunzjona jrid bilfors li xi ħadd jiffinanzja l-operat. L-MFA trid li l-klabbs ikunu b'saħħithom biżżejjed biex ifendu għal rashom.

L-Avukat Bonett qal li bdew taħditiet mas-Segretarju Parlamentari għall-Isport, l-Onor. Chris Agius biex ikunu indirizzati dawk il-problemi li qed jimblokkaw kull tibdil neċessarju biex dan il-pass iseħħ u sal-bidu tas-sajf l-MFA qed tħares il-quddiem biex il-Gvern iressaq l-emendi meħtieġa f'dan ir-rigward.

# Varata l-Fondazzjoni għat-Tfal mill-UEFA

## Norman Darmanin Demajo fost il-membri ta' din il-Fondazzjoni






Fuq inizjattiva tal-President tal-UEFA Michel Platini twaqqfet il-UEFA Foundation for Children. Hija x-xewqa tal-Federazzjoni Ewropea tal-futbol li jkollha rwol aktar attiv fis-soċjetà. Din il-Fondazzjoni ilha taħdem minn Marzu ta' din is-sena taħt il-liġijiet Svizzeri. Huwa unur għal Malta li l-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo huwa membru f'din il-Fondazzjoni.

Għal ħafna snin, il-UEFA appoġġat inizjattivi u programmi biex tgħin tfal żvantaġġati mhux fl-Ewropa biss. Issa l-UEFA permezz ta' din il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li toħloq hi stess inizjattivi biex tgħin u tippromwovi id-drittijiet fundamentali tat-tfal kif espressi f'konvenzjonijiet internazzjonali.

Il-Fondazzjoni hija attiva f'varji aspetti bħas-saħħa, l-edukazzjoni, aċċess għall-isport, żvilupp personali u l-integrazzjoni tal-minoritajiet.

Il-Bord ta' din il-Fondazzjoni ltaqa' għall-ewwel darba fi Vjenna fit-23 ta' Marzu u Josè Manuel Barroso l-eks President tal-Kummissjoni Ewropea inħatar bħala Chairman tal-Bord għal erba' snin.

Fost il-membri tal-Bord hemm il-Presdient tal-Malta Football Association, Norman Darmanin Demajo, u fundatur tal-organizzazzjoni Time 2Think. Membri oħra huma Sandor Csanyi President mill-Federazzjoni tal-Football tal-Ungerija, Peter Gillieron President mill-FA Svizzera, Margarita Louis-Dreyfus President mil-Louis Dreyfus Foundation, Michel Platini Presdient tal- UEFA u Viviane Reding membru tal-Parlament Ewropew.

Fl-ewwel laqgħa tagħha l-Fondazzjoni approvat sensiela ta' inizjattivi:

**Zaatari**:

Il-fondazzjoni ħadet f'idejha l-futbol fil-kamp tar-refuġjati f'Zaatari fil-Ġordan mibni mill-UEFA fl-2013. F'dan il-proġett qed jgħin tfal, li ħarbu minħabba l-gwerra fis-Sirja, jorganizzalhom attivitajiet sportivi, taħriġ għall-kowċis tal-futbol u tournaments għal subien u bniet li jgħixu fil-kamp tar-refuġjati.

**Just Play**: Il-fondazzjoni qed tmexxi proġett fil-Paċifiku li kien twaqqaf mill- Konfederazzjoni tal-Futbol tal-Oceania u l-UEFA u diġà rċieva diversi unuri. Dan il-proġett jinkoraġixxi tfal bejn is-6 u t-12-il sena jipparteċipaw f'attività fiżika u jippromwovi *healthy lifestyles* minħabba l-problema tal-obeżità fost it-tfal li hemm fir-reġjun tal-Paċifiku.

**Tliet proġetti**: Tliet proġetti abbinaiti mal-UEFA Euro 2016 li se ssir fi Franza biex fis-sajf 2016 ikunu organizzati attivitajiet waqt il-finali b'appoġġ għal serje ta' proġetti marbuta mad-drittijiet tat-tfal.

**Proġett tal-Awtiżmu**: il-fondazzjoni se taħdem mal-International Foundation of Applied Disability Research (FIRAH) biex itejjeb il-ħajja ta' tfal li jbatu bl-awtiżmu u l-familjari tagħhom.

# L-MFA qed tappoġġa Skolasport

Il-Malta Football Association qed tagħti l-appoġġ tagħha lil SkolaSport permezz ta' kowċis biex jagħtu sessjonijiet u appoġġ organizzattiv. Luca Pagani, il-preparatur atletiku tat-tim nazzjonali Malti, qed imexxi dawn il-lezzjonijiet.

Fl-aħħar tliet ġimgħat, il-kowċis fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA ħadmu fuq gruppi minn Form 1, Form 2 u Form 3 u speċifikaw fuq l-aġilità, is-saħħa u l-metaboliżmu.

Dawn it-testijiet saru fil-bidu tas-sena, bejn Settembru u Ottubru u qed isiru wkoll, bejn April u Mejju.

L-objettiv hu:

1. Li tinħoloq bażi ta' informazzjoni fiżika biex issir informazzjoni fuq kull persuna. Għal dawk l-istudenti tal-Form 3, l-informazzjoni fuqhom ilha tinżamm tliet snin;
2. Li jkun hemm informazzjoni biżżejjed li tista' tgħin biex issaħħaħ it-taħriġ;
3. U li jkun hemm l-informazzjoni kollha tal-individwi li tista' tosserva ix-xejriet pożittivi u negattivi fuq kull student.



# Imfakkar il-100 Kampjonat fl-istorja tal-futbol Malti



Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, ftit qabel il-bidu tal-aħħar partita tal-Kampjonat Premier bejn Hibernians FC u Valletta FC, ippreżenta banner kommemorattiva lil Tony Bezzina, president taċ-champions il-ġodda tal-futbol Malti.

Dan il-banner tikkommemora l-100 Kampjonat milgħub fl-istorja tal-MFA li dan l-istaġun intrebaħ mit-tim ta' Raħal Ġdid.

Is-Sur Bezzina, f'isem Hibernians FC, irringrazzja lill-MFA u lil Darmanin Demajo u rreċiproka lura billi ppreżenta l-flokk ta' Hibernians FC lill-President tal-MFA.

Din il-preżentazzjoni saret fil-pitch quddiem il-partitarji ta' Hibernians FC u ntlaqgħet b'ċapċip kbir mill-partitarji numerużi li kienu preżenti għall-aħħar partita tal-Kampjonat BOV Premier, fejn iċ-champions ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1.

# L-MFA tipprepara għall-ewwel kors UEFA Pro Licence







L-MFA qed tilqa' applikazzjonijiet biex torganizza l-ewwel kors UEFA Pro Licence li mistenni jsir, bejn Settembru 2015 u April 2017.

L-MFA għadha kif irċiviet l-approvazzjoni tal-UEFA biex Malta torganizza dan il-kors. L-applikanti għal dan il-kors irid ikollhom UEFA A Licence u jrid ikun ilu sena fil-pussess ta' din il-liċenzja.

Il-kandidati prospettivi jridu joqogħdu għal intervista u jridu li jipprovdu video ta'sessjoni ta' taħriġ fil-prattika riċenti ta' bejn 35 u 40 minuta. In-numru ta' parteċipanti għal dan il-kors se jkun limitat skont il-JIRA panel tal-UEFA u għaldaqstant l-MFA tista' tirrifjuta kull applikazzjoni.

Il-kors se jkun jikkonsisti fi 12-il *module* li jista' jvarja minn tlieta sa sebat ijiem għal kull *module*. L-ewwel module se jibda is-Sibt 12 ta' Settembru. Il-kors se jkun twil 422 siegħa u se jsir kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll dik Ingliża u jinkludi żjarat fi ħdan klabbs professjonali madwar l-Ewropa.

# Stephen Grima jindirizza Study Group tal-UEFA f'Copenhagen



Stephen Grima wieħed mill-kowċis fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA kien mistieden jindirizza Study Group tal-UEFA dwar Coach Education bis-suġġett ewlieni jkun *Fitness for Football.*

Dan sar f'Copenhagen fid-Danimarka bejn it-30 ta' Marzu u t-2 ta' April. Pajjiżi oħrajn li ħadu sehem kienu t-Turkija, l-Iżrael, ir-Repubblika Ċeka u l-Estonja.

Il-preżentazzjoni ta' Malta dwar il-mod kif aħna organizzati minn dan l-aspett intlaqa' tajjeb mill-uffiċjali tal-UEFA. Grima kellu l-opportunità li jassisti l-preżentazzjonijiet li saru minn Malta u jiddiskuti ma' professjonisti ewlenin f'dan il-kamp li kienu jinkludu lil Peter Krustrup, Paul Balsom, Sigmund B. Apold-Aasen, Andreas Morisbak, Peter Rudbaek, Nils Nielsen, Prof. Jan Ekstrand u Dr. Mogens Kreutzfeldt.

Id-delegazzjoni Maltija kienet immexxija minn Stephen Grima u magħmula minn Luca Pagani, Mark Buttigieg u Ludvic Bartolo.






# Gatt u Pagani jingħataw għarfien mill-FIGC

Robert Gatt, id-Direttur Tekniku u Luca Pagani, il-Preparatur Atletiku, fiċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Association, ingħataw spazju fil-fuljett tal-FIGC fuq studju li kienu għamlu dwar il-Kampjonat Malti BOV Premier.

Matul l-istaġun 2013/14, Gatt u Pagani għamlu analiżi teknika, tattika u fiżika fuq 12-il partita tal-Kampjonat Malti li minnhom ħarġu l-aktar punti dettaljati dwar it-tattika, it-teknika u l-fiżika.

Dan kollu wassal biex isir ktejjeb żgħir fuq ix-xogħol ta' Gatt u Pagani li issa qed ikunu diskussi mal-kowċis u l-istaff tagħhom tal-klabbs tal-Kampjonat lokali.

Għaldaqstant, is-Settur Tekniku tal-FIGC iddeċieda li jippubblika x-xogħol li għamlu Gatt u Pagani tant li ngħataw din il-prominenza, ġest apprezzat li jikkonferma x-xogħol importanti mwettaq mill-MFA.

# Pagani jassisti lill-Forzi Armati







Luca Pagani, il-Preparatur Atetiku tat-tim nazzjonali Malti u kowċ fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, dan l-aħħar kien il-mistieden tal-Forzi Armati ta' Malta biex jagħti lezzjoni fil-Prinċipji tat-Taħriġ u l-Abbilitajiet Fiżiċi.

Il-lezzjoni kienet parti mill-kors tal-Assistant Physical Training Instructor, organizzat mill-AFM taħt ir-responsabbiltà ta' Mark Marlow, kowċ liċenzjat.

Il-parteċipanti kienu ħdax u kienu kollha atleti tal-AFM u instructors tal-iskola tat-taħriġ tal-Armata.

Il-lezzjoni kienet interessanti tant li dawk li ħadu sehem staqsew lil Pagani dwar diversi aspetti relatat mat-taħriġ tagħhom.



# Organizzata Open Day oħra mill-kampanja 'Live Your Goals'







Fl-aħħar jum ta' April l-MFA organizzat Open Day oħra għall-bniet bħala parti mill-kampanja tal-FIFA, 'Live Your Goals.'

Din id-darba l-MFA organizzat dan l-avveniment mal-iskejjel u ma' numru akbar ta' bniet li għadhom mhumiex familjari mal-logħba tal-futbol.

Mal-200 tifla ħadu sehem fl-attività li saret fit-training grounds tal-MFA f'Ta' Qali. L-iskop hu biex aktar bniet ikunu attirati għal-logħba tal-futbol.

Bniet mill-iskejjel ta' San Anton, Paola Primary A, Paola Primary B, St. Catherine's u St. Joan Antide ħadu sehem.

Il-bniet minn dawn il-ħames skejjel ipparteċipaw f'diversi tipi ta' *Fun Games* b'konnessjoni mal-futbol. Huma kienu megħjuna minn plejers tat-tim nazzjonali tan-nisa, kowċis tat-tim nazzjonali u membri tal-istaff tad-Dipartiment tan-Nisa tal-MFA. Kowċis tal-klabbs u oħrajn li bħalissa qed jagħmlu scholarship fis-CYF offrew ukoll l-għajnuna tagħhom.

L-attività reġgħet kienet suċċess għax kull min ħa sehem seta' jara x'tista' toffri karriera fil-futbol femminili.

L-ewwel 'Live Your Goal's Open Day' saret f'Diċembru fejn ħafna bniet kienu pparteċipaw. Dan hu avveniment importanti għall-futur tal-logħba tal-futbol tan-nisa f'pajjiżna.

L-MFA torganizza wkoll festival kull ġimagħtejn għall-bniet li diġà ingħaqdu ma' klabbs lokali fl-età ta' bejn il-5 u l-11-il sena u dan biex tikber il-parteċipazzjoni tal-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Matul l-istaġun li qiegħed jispiċċa, l-MFA għamlet pass ieħor biex tkabbar l-għarfien fil-logħba tan-nisa u għall-erba' snin li ġejjin qed tippjana li tgħin aktar lill-klabbs u żżid in-numru ta' kowċis fil-livell tal-*Grassroots*.

Il-kampanja 'Live Your Goals' organizzata mill-MFA issir taħt l-awspiċi tal-FIFA.

# Debutt femminili fl-Ewwel Diviżjoni tal-Futsal

Fil-ġimgħat li għaddew kellna mument storiku meta r-referi Stephanie Axiak saret l-ewwel mara li kkontrollat partita mill-Ewwel Diviżjoni tal-Futsal.

Dan id-debutt femminili kien proprju, fil-21 ta' April, meta Stephanie Axiak kienet waħda mir-referis tal-partita bejn Siggiewi u Birżebbuġa (3-4).

L-uffiċjali l-oħrajn f'din il-partita kienu r-referi internazzjonali Franco Cachia u t-timekeeper Esther Schembri.

Stephanie Axiak uriet personalità kbira f'din il-partita u wriet li tħaddan għarfien sew tal-logħba tal-Futsal. Il-prestazzjoni tagħha kienet imfaħħra miż-żewġ timijiet.

Il-karriera ta' Stephanie Axiak bdiet sentejn ilu fl-età ta' 16-il sena. Hija mill-ewwel bdiet turi interess u dedikazzjoni, tant, li fl-ewwel staġun tagħha hija kienet appuntata bħala timekeeper fil-finali tal-Kampjonat.

Wara li rreffjat f'festival tal-iskejjel, wasal id-debutt tagħha fl-ewwel diviżjoni li ċertament jawgura tajjeb għall-futur tagħha bħala referi tal-Futsal.

Ta' min jgħid li fl-aħħar ġranet tliet nisa temmew b'suċċess il-kors ta' referis ġodda tal-futbol. Dawn huma Celaine Ellul, Dora Jakab u Joanna Vassallo. B'hekk ikompli jikber l-għadd ta' referis nisa fil-futbol lokali.








# Adrian Casha f'aktar ħidma fil-UEFA




Id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha kompla l-ħidma tiegħu fil-UEFA bħala kowċ tar-referis waqt it-28 kors ta' introduzzjoni fiċ-Ċentru ta' Eċċellenza tar-Refereeing CORE li sar fil-Kwartieri tal-UEFA f'Nyon l-Isvizzera bejn, il-5 u t-13 ta' Mejju.

Permezz ta' dawn il-korsijiet, il-UEFA tkun qed tipprepara l-ġenerazzjoni futura tar-referis u l-assistenti referis internazzjonali.

L-uffiċjali żgħażagħ rappreżentati f'dan il-kors kienu minn Andorra, l-Italja, il-Kazakstan, il-Kroazja, is-Senegal, is-Seychelles, it-Turkija, l-Ungerija u Wales.

Minbarra suġġetti ta' natura teknika sabiex jitjieb il-livell ta' kontroll, kien hemm ukoll sessjonijiet edukattivi dwar ir-razziżmu u l-użu tal-media soċjali filwaqt li l-preparazzjoni fiżika u l-lingwa Ingliża ngħataw importanza kbira.

Ir-referis u l-assistenti referis jerġgħu jiltaqgħu mal-kowċis tagħhom f'Ottubru iżda sadanittant huma obbligati li jaġġornawhom bil-progress tagħhom sabiex jilħqu l-għanijiet li jkunu stabbilixxew fil-kors ta' introduzzjoni.

Minn issa sa Ottubru, il-UEFA appuntat lil Adrian Casha sabiex isegwi mill-qrib lill-uffiċjali minn Wales u Andorra, u jgħinhom itejbu l-livell tagħhom.






# Alan Mario Sant jirreffja fil-Fażi Finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena tal-UEFA

Ir-referi internazzjonali Malti Alan Mario Sant kien appuntat mill-UEFA sabiex jikkontrolla partiti mill-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il Sena ġewwa l-Bulgarija.

Wara li għadda minn testijiet mediċi kif ukoll fiżiċi, Alan Mario Sant ġie appuntat sabiex jirreffja l-partita tal-ftuħ fi Grupp Ċ bejn l-Iskozja u Franza (0-5) ġewwa Beroe Stadium fi Stara Zagora, nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju, assistit minn Dovydas Suziedelis (Litwanja) u Erik Weiss (Slovakkja), filwaqt li Tsvetan Krastev (Bulgarija) kien ir-raba' uffiċjal. L-osservatur tal-UEFA għal din il-partita kien Uno Tutk (Estonia).

Fit-tieni jum ta' logħob, Alan Mario Sant kien ir-raba' uffiċjal fil-partita minn Grupp A bejn il-pajjiż ospitu u Spanja (1-2), filwaqt li, nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, huwa kkontrolla l-partita deċiżiva bejn il-Ġermanja u r-Repubblika Ċeka (4-0). F'dan il-konfront Alan Mario Sant kien megħjun mill-assistenti referis internazzjonali Dovydas Suziedelis (Litwanja) and Nuno Pereira (Portugall). Ir-raba' uffiċjal kien Tsvetan Krastev (Bulgarija), filwaqt li Jozef Marko (Slovakkja) kien l-osservatur tal-UEFA.

Il-qofol tal-parteċipazzjoni ta' Alan Mario Sant f'dawn il-kampjonati ntlaħaq, nhar is-Sibt 16 ta' Mejju, meta l-UEFA appuntatu bħala referi tal-kwarti-finali bejn l-Ingilterra u r-Russja (0-1) ġewwa l-Lazur Stadium f'Burgas megħjun mill-assistenti referis Dovydas Suziedelis (Litwanja) u Ville Koskiniemi (Finlandja), filwaqt li Pawel Raczkowski (Polonja) kien appuntat bħala r-raba' uffiċjal. Marc Batta (Franza) kien l-osservatur tal-UEFA.

F'din il-partita mistennija bejn ir-rebbieħa tal-aħħar żewġ edizzjonijiet ta' dawn il-finali, Alan Mario Sant kellu kontroll stupend f'partita missielta li fiha ordna żewġ penalties u keċċa player tat-tim nazzjonali Ingliż għat-tieni karta safra.

Wara l-prestazzjoni ferm tajba fil-kwarti-finali, il-UEFA appuntat lil Alan Mario Sant bħala r-raba' uffiċjal fil-semi-finali Belġju-Franza 1-1 (1-2 pens) nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju. Ikkontrolla din il-partita Adrien Jaccottet (Zvizzera), filwaqt li l-assistenti referis kienu Nuno Pereira (Portugall) u Gareth Jones (Wales). Uno Tutk (Estonja) kien l-osservatur tal-UEFA.

Alan Mario Sant ħalla impressjoni ferm tajba f'dawn il-kampjonati u dan jawgura ferm tajjeb għall-ġejjieni ta' dan ir-referi sabiex ikompli miexi 'l quddiem fil-karriera internazzjonali tiegħu.

# Ikompli l-programm ta' skambju ma' referis barranin

Fl-aħħar ġimgħat tal-Kampjonat BOV Premier kompla l-programm ta' skambji ma' referis barranin u kompliet titkattar l-esperjenza tar-referis Maltin fix-xena internazzjonali.

Fil-kampjonat professjonali ta' Georgia, Mario Apap kien appuntat bħala r-referi tal-partita bejn Sioni Bolnisi u Merani Martvili (1-0) fit-18 ta' April, filwaqt li r-referi internazzjonali Adrian Azzopardi kkontrolla l-partita bejn FC Chikura u Tschkinvali (1-3) fid-19 t'April. Mitchell Scerri u Christopher Francalanza kienu assistenti referis fiż-żewġ partiti.

Ġewwa l-Latvja, Trustin Farrugia Cann u Fyodor Zammit ikkontrollaw żewġ partiti mill-ogħla diviżjoni, megħjuna mill-assistenti referis internazzjonali Roberto Vella u Jurgen Spiteri. L-ewwel partita bejn FK Liepaja u FS Metta LU (4-1), nhar is-17 ta' April, kienet ikkontrollata minn Trustin Farrugia Cann, filwaqt li fid-19 ta' April Fyodor Zammit ikkontrolla l-partia bejn FK Spartaks u FK Jelgava (0-0). Kevin Azzopardi mexxa dan il-kontinġent u fit-18 ta' April kien l-osservatur tar-referis fil-partita BFC Daugavpils-FK Ventspils (1-1), ikkontrollata minn uffiċjali mil-Latvja.

Fl-impenn tiegħu ġewwa l-Lussemburgu, ir-referi internazzjonali Marco Borg kien ir-referi tal-partita bejn US Rumelange u CS Grevenmacher (0-3) li ntlagħbet fis-26 ta' April. Huwa kien megħjun mill-assistenti referis Maltin Duncan Sultana u Luke Portelli, filwaqt li l-Federazzjoni tal-Lussemburgu appuntat lil Christian Richartzvill bħala r-raba' uffiċjal.

Ir-referi Sandro Spiteri kien impenjat f'Andorra bħala r-referi tal-partita bejn FC Lusitans u Santa Coloma (1-2) li ntlagħbet fis-26 ta' April. William Debattista u Sammy Attard kienu l-assistenti referis, filwaqt li Lawrence Sammut mexxa l-kontinġent Malti bħala rappreżentant tad-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA.

F'Malta, Vadims Direktorenko mil-Latvja, ikkontrolla l-partita bejn Sliema Wanderers u Valletta (3-3) tas-17 ta' April, megħjun minn Jevgenijs Morozovs u Aleksejs Popovicenko bħala assistenti referis u Mareks Kere bħala r-raba' uffiċjal. Fit-18 ta' April, Mareks Kere kien ir-referi tal-partita bejn Tarxien Rainbows u Mosta (2-1), assistit mill-istess kollegi mil-Latvja.

Ian McNabb mill-Irlanda ta' Fuq, kien ir-referi tal-partita bejn Pietà Hotspurs u Zebbug Rangers (3-1) tal-25 ta' April, megħjun mill-assistenti referis Ken Ross u Mark O'Brien filwaqt li Evan Boyce kien ir-raba' uffiċjal. Fis-26 ta' April, Evan Boyce ikkontrolla l-partita bejn Hibernians u Balzan (1-3), assistit mill-istess kollegi mill-Irlanda ta' Fuq.















# Hibernians champions għall-11-il darba

Hibernians ġew inkurunati champions fl-aħħar ġurnata tal-Kampjonat f'liema partita għelbu lil Valletta bl-iskor ta' 3-1. Fil-verità din il-logħba kienet biss formalità hekk kif il-Pawlisti kienu ġew dikjarati champions nhar it-18 ta' April, 2015, fir-rebħa ta' 3-1 fuq Floriana.

Hibernians huma champions denji minħabba li ddominaw dan il-Kampjonat b'bosta rekords fosthom tal-aktar punti u l-aktar goals fi staġun wieħed.

Barra minn hekk, iż-żewġ attakkanti Brażiljani, Edison Luis Dos Santos u Jorge Pereira Da Silva, spiċċaw bħala l-aqwa skorers tal-Kampjonat b'total ta' 25 goal kull wieħed.

It-tliet timijiet ta' Valletta, Birkirkara u Balzan spiċċaw fl-ordni kronoloġika rispettiva biex ikkwalifikaw għall-kompetizzjoni Ewropea tal-UEFA Europa League.

Għal Balzan din kienet l-ewwel darba fl-istorja tal-club li se jilagħbu fil-kompetizzjonijiet Ewropej. Bla dubju, huma kienu t-team rivelazzjoni u kien jimmeritahom dan il-"premju" fejn, flimkien ma' Hibernians għelbu lil kull team tal-ogħla diviżjoni ... u kienu l-uniku team li taw l-unika telfa liċ-champions Hibernians.

Imbagħad Floriana u Sliema Wanderers kienu d-diżappunt ta' dan l-istaġun meta spiċċaw fil-ħames u s-sitt post rispettivament biex bħal donnhom qed jitilfu l-profil tagħhom li għal snin twal tant kienu jgawdu bħala minn fost l-aqwa f'pajjiżna.



Proprju fl-aħħar ġurnata tal-Kampjonat, Naxxar Lions, Qormi u Tarxien Rainbows salvaw posthom mal-Kbar biex xeħtu li Mosta fir-Relegation/Promotion Play-Off kontra Gzira United li spiċċaw fit-tielet post tal-Ewwel Diviżjoni.

Din il-partita spiċċat f'rebħa għal-Mostin bl-iskor ta' 2-0 biex żammew posthom fl-ogħla diviżjoni.

Iż-żewġ timijiet relegati, Pietà Hotspurs u Zebbug Rangers huma l-istess tnejn promossi mill-Ewwel Diviżjoni fil-bidu tal-istaġun.

Iżda minkejja dan id-diżappunt, kemm il-Hotspurs kif ukoll ir-Rangers kellhom il-mumenti sbieħ tagħhom fejn saħansitra wettqu wkoll xi sorpriżi.













1. Clayton Failla jgħolli t-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat fost il-ferħ ta' sħabu l-players u l-partitarji
2. Andrew Cohen u Clayton Failla merfugħin fuq l-idejn bit-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat
3. Il-players ta' Hibernians f'dawra durella mat-Tazzi tar-rebħ tal-Kampjonat
4. Il-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo u l-president ta' Hibernisna Tony Bezzina jibdlu banner tal-100 Kampjonat u flokk ta' Hibernians
5. Il-Prim Ministru Joseph Muscat flimkien mal-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo qabel il-preżentazzjoni
6. Il-formazzjoni inizjali ta' Hibernians fl-aħħar partita tal-Kampjonat










**Il-Lista tal-iskorers**

**25** – Edison Luis dos Santos, Jorge Pereira da Silva (Hibernians).

**19** – Bojan Kaljevic, 7 għal Mosta (Balzan).

**16** – Clayton Failla (Hibernians).

**15** – Gianmarco Piccioni (Balzan); Matteo Piciollo (Floriana).

**13** – Rafael Ledesma, Elinton Costa Morals (Birkirkara).

**12** – Vito Plut (Floriana); Hamza Barry, Lateef Elford-Alliyu, Abdelkarim Nafti (Valletta).

**11** – Gilmar Ribeiro da Silva (Naxxar L.); Mauricio Britto (Zebbug R.).

**10** – Alfred Effiong (Qormi).

**9** – Andrew Cohen (Hibernians); Carlo Monti (Zebbug R.).

**8** – Jean Pierre Mifsud Triganza (Balzan); Claudio Frances (Pietá H.).

**7** – Haruna Shola Shodiya (Birkirkara); Amadou Samb (Floriana); Terence Vella (Naxxar L.); Pedro Calcado dos Santos (Sliema W.).

**6** – Djuma Bocar, Matteus Ribeiro dos Santos, 3 għal Mosta, Mark Scerri (Sliema

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 33 | 27 | 5 | 1 | 97 | 24 | 56 |
| Valletta | 33 | 22 | 3 | 8 | 74 | 30 | 47 |
| Birkirkara | 33 | 19 | 7 | 7 | 59 | 31 | 43 |
| Balzan | 33 | 17 | 8 | 8 | 59 | 45 | 42 |
| Floriana | 33 | 13 | 11 | 9 | 58 | 51 | 36 |
| Sliema W. | 33 | 10 | 9 | 14 | 50 | 56 | 26 |
| Naxxar L. | 33 | 9 | 9 | 15 | 40 | 51 | 25 |
| Qormi | 33 | 8 | 9 | 16 | 40 | 55 | 24 |
| Tarxien R. | 33 | 8 | 9 | 16 | 35 | 60 | 23 |
| Mosta | 33 | 9 | 6 | 18 | 38 | 72 | 21 |
| Pietá H. | 33 | 6 | 8 | 19 | 30 | 58 | 16 |
| Zebbug R. | 33 | 5 | 6 | 22 | 37 | 84 | 12 |







W.); Roderick Briffa (Valletta).

**5** – Oscar Guerrero (Balzan); Ryan Camenzuli (Birkirkara); Igor Coronado (Floriana); Ian Zammit (Mosta); Jorge Santos Silva (Naxxar L.); Leighton Grech, 1 gĦal Birkirkara, Alex Nilsson (Qormi); Andrea Pisanu (Sliema W.); Firas Aboulezz, Obinna Darlington, Alvaro Rodriguez Silva (Tarxien R.); Luke Montebello, 3 gĦal Valletta (Zebbug R.).

**4** – Nikola Vukanac (Birkirkara); Steve Bonnici (Floriana); Rodolfo Soares (Hibernians); Haruna Babangida, Adrian Borg (Mosta); Uchannu Emenike (Naxxar L.); Frank Temile (Qormi); Jurgen Pisani (Pietá H.); Ryan Fenech, Raphael Kooh Sohna (Valletta); Bojan Mamic (Zebbug R.).

**3** – Ryan Darmanin, Edison Bilbao Zarate, Lydon Micallef, Elkin Serrano Valero (Balzan); Ryan Scicluna (Birkirkara); Connor Borg (Floriana); Andrei Agius, Jurgen Degabriele (Hibernians); Daniel Mariano Bueno (Mosta); Daren Falzon, Papa Gueye (Naxxar L.); Luke Micallef, Rafael Xavier Zacarias (Pieta H.); Ryan Micallef (Qormi); Trevor Cilia, Aidan Friggieri, Fabio Mangiacasale, Alex Muscat, Marko Potezika (Sliema W.); Triston Caruana, Wesley Lima Silva, Carlos Menendez Hevia, Mohamed Soly (Tarxien R.); Ian Azzopardi, Shaun Bajada, Llewlyn Cremona, Alex Barbosa Terra (Valletta); Matias Muchardi, Rachid Yousuff (Zebbug R.).

**2** – Dylan Grima, Samir Arab (Balzan); Mateus Bissi da Silva, Eliandro Gonzaga dos Santos, Paul Fenech, Nassir Maachi, Zach Muscat (Birkirkara); Douglas Cobo, Gary Muir, Steve Pisani (Floriana); Marcelo Dias, Bjorn Kristensen, Luis Andre De Melo Lima, Jean Paul Farrugia (Hibernians); Mano Micallef, Udo Fortune, Gary Roberts (Mosta); Demba Toure (Naxxar L.); Orosco Anonam, Kyle Cesare, Mauricio Mazzetti, 1 gĦal Qormi (Pietá H.); Marcelinho, Duncan Pisani (Qormi); Guy Gnabouyou, Michael Mifsud (Sliema W.); Eduardo Vallecelli Casado, Cleber Barbosa Viana (Tarxien R.); Steve Borg, Adrian Zahra (Valletta); Yessous Camilleri (Zebbug R.).

**1** – Steve Bezzina, Osa Guobadia, Luke Sciberras (Balzan Y.); Edmond Agius, Leighton Grech, Edward Herrera (Birkirkara); Emanuel Briffa, Brooke Farrugia, Giovanni Galea, Isaac Galea (Floriana); Johann Bezzina, Jonathan Pearson, Jackson Lima Sequeira (Hibernians); Mikael Nicoise Dawood, Tyrone Farrugia, Sasa Jovanovic, Nemanja Milovanovic, Diogo Pinheiro da Souza, Jonas Rodriguez Ekani (Mosta); Angus Buhagiar, Emmanuel Ibok Edet, Mattia Del Negro, Andrew Scicluna (Naxxar L,); Terence Agius, Kane Attard, Leonardo Fortunato dos Santos, Christian Grech, Charles Newuche, Gabriel Joao da Silva (Pieta H.); Jonathan Bondin, Joseph Chetcuti, Clifford Gauci, Zoran Levnaic, Anderson Santos, Emerson Vella, Gustavo Villalobos (Qormi); Junior Obagberimo, Andrea Scozzeze, Peter Xuereb (Sliema W.); Ikenna Paul Hillary, Matthew Tabone, Jorge Santos Silva, Mouhamed Soly (Tarxien R.); Kurt Borg, Ryan Camilleri, Luke Dimech, Djamel Leeflang (Valletta); Yessous Camilleri, Lee Galea (Zebbug R.).

**Auto-Goals (9)** – Elkin Serrano (Balzan v Qormi 1-1); Adrian Borg (Mosta v Hibernians 0-5); Justin Grioli (Balzan v Tarxien R. 3-2); Ouasumi Koli (Mosta v Qormi 1-3); Karl Micallef (Pietá H. v Floriana 0-2); John Mintoff (Sliema W. v Naxxar L. 0-1; v Zebbug R. 3-2); Manuel Bonaque (Tarxien R. v Floriana 1-2); Ryan Sammut (Tarxien R. v Sliema W. 1-1).



### III Round

**Logħba Nru 181-25.04.2015-17.00 hrs**

**Pietá Hotspurs** 3
K. Cesare 25, C. Frances 76, J. G. Da Silva 81

**Zebbug Rangers** 1
L. Montebello 44

HT 1-0 **National Stadium**

**Pietá H.** – 24-David Cassar, 22-Cain Attard, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 11-Ricardo Costa (14-Travis Bartolo 90), 17-Jurgen Pisani, 18-Orosco Ndubisi Anonam, 10-Kyle Cesare (7-Dylan Agius 80), 2-Gabriel Joao Da Silva (6-Neil Pace Cocks 90), 9-Charles Nnaemeka Newuche, 33-Claudio Frances, 15-Karl Micallef
*Coach* – Orosco Anonam
**Zebbug R.** – 32-Jeffrey Farrugia, 4-David Alejandro Reano, 11-Matthew Bartolo, 14-Thomas Paris (17-Miguel Ciantar 84), 3-Jacob Borg, 5-Paltemio Barbetti, 25-Matias Muchardi, 27-Mauricio Osmar Rodrigues Britto, 23-Rashid Yussuff (10-Carlo Gordon Monti 54), 9-Luke Montebello, 6-Yessous Camilleri
*Coach* – Alfonso Greco
Referee – Ian McNabb (Irlanda ta' Fuq)
Assistenti – Ken Ross, Mark O'Brien (Irlanda ta' Fuq)
Raba' Uff. – Evan Boyce (Irlanda ta' Fuq)
Ammoniti – T. Paris, P. Barbetti (ZR)

### III Round

**Logħba Nru 182 - 25.04.2015 - 17.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 5
P. Calcado 12, 64, A. Muscat 41, 77 pen, Mateus 61

**Mosta** 1
A. Borg 84

HT 2-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alex Muscat, 5-Junior Obagbemiro (3-Luca Martinelli 74), 7-John Mintoff, 8-Mark Scerri (18-Aidan Jake Friggieri 46), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Mateus dos Santos Ribeiro, 15-Marko Potezica, 16-Trevor Cilia (17-Peter Xuereb 67), 21-Pedro dos Santos Calcado, 28-Beppe Muscat
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Mosta** – 27-Omar Borg, 22-Tyrone Farrugia, 5-Mark Brincat, 20-Dyson Falzon, 23-Ousmane Koli, 18-Kurt Magro (19-Matteo di Vita 82), 83-Udo Fortune, 15-Adrian Borg, 6-Ryan Grech (8-Kyle Frendo 74), 16-Karl Pulo, 9-Zak Brincat (14-Aaron Sammut 46)
*Coach* – Peter Smith
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Edward Spiteri, David Castillo
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – A. Borg, D. Falzon, T. Farrugia (M); L. Martinelli (SW)

### III Round

**Logħba Nru 183 - 25.04.2015 - 19.00 hrs**

**Valletta** 2
S. Borg 16, H. Barry 81

**Birkirkara** 1
R. Scicluna 54

HT 1-0 **National Stadium**

**Valletta** – 28-Nicholas George Vella, 2-Jonathan Caruana, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry (25-Nicholas Pulis 90), 10-Roderick Briffa, 15-Lateef Elford-Alliyu (21-Llywelyn Cremona 73), 18-Shaun Bajada (3-Ian Azzopardi 63), 30-Abdelkarim Nafti, 36-Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma, 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Joseph Zerafa, 2-Edward Herrera, 6-Paul Fenech, 22-Zach Muscat (20-Kurt Zammit 83), 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli (18-Ellinton Antonio Costa Morais 46), 21-Ryan Scicluna (3-Mattheus Bissi da Silva 76)
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Paul Zammit
Assistenti – Mitchell Scerri, Roberto Vella
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – R. Camilleri, L. Dimech, A. Nafti, S. Borg (V); Z. Muscat (B)

### III Round

**Logħba Nru 184 - 25.14.2015 - 19.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 0
J. Bondin 92

**Qormi** 4
M. De Mattos 1, A. Nilsson 9, L. Grech 45

HT 0-3 **Victor Tedesco Stadium**

**Tarxien R.** – 12-Sean Mintoff, 3-Kane Paul Farrugia, 4-Manuel Caruana, 9-Triston Caruana (2-Steve Sadowski 87), 11-Edoardo Vallecillo Casado, 15-Jose Angel Pereira, 16-Ishmael Grech, 19-Matthew Tabone (Firas Aboulezz 23), 20-Mouhamed Soly, 22-Darlington Obinna Ajoku, 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 8-Marcelo Lima de Mattos (18-Ryan Micallef 77), 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 20-Zoran Levnaic, 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson, 37-Gustavo Villalobos, 77-Leighton Grech (Bjorn Bondin 82), 81-Alex Nilsson (Alejandro Mendoza 61)
*Coach* – Mark Miller
Referee – Mario Apap
Assistenti – Jurgen Spiteri, Peter Abela
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – B. Berntsson (Q); K. Farrugia (TR)

### III Round

**Logħba Nru 185 - 26.04.2015 - 17.00 hrs**

**Floriana** 4
I. Coronado 38, 45, 55, M. Piciollo 64

**Naxxar Lions** 1
D. Falzon 19

HT 1-1 **National Stadium**

**Floriana** – 24-Valerio Senatore, 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 6-Emerson Marcelina, 10-Igor Coronado (23-Gary Muir 70), 11-Matteo Piciollo, 14-Conor Borg, 16-Emanuel Briffa (25-Daniel Agius 79), 19-Giovanni Galea, 26-Sacha Borg, 27-Steve Bonnici, 99-Manolito Micallef (22-Glen Tabone 88)
*Coach* – Giovanni Tedesco
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ibok Edet, 5-Frank Temile, 10-Daren Falzon, 14-Gilmar da Silva Ribeiro (18-Pablo Doffo 63), 15-Ryan Gilmour Cassar, 19-David Fenech (7-Terence Vella 61), 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva, 24-Albert Bruce
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Andrè Arciola
Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Roberto Vel¬la
Ammoniti – G. Da Silva Ribeiro (NL), M. Micallef (F)

### III Round

**Logħba Nru 186 - 26.04.2015 - 19.00 hrs**

**Hibernians** 1
C. Failla 83

**Balzan** 3
J. P. Mifsud Triganza 19, G. Piccioni 74 pen., L. Sciberras 90

HT 0-1 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 8-Rodolfo Soares, 20-Andrei Agius, 6-Jonathan Pearson (12-Jurgen Borg 75), 9-Marcelo Dias (17-Marko Rajic 80), 13-Clayton Failla, 11-Bjorn Kristensen, 7-Jackson Lima, 10-Andrew Cohen, 14-Jurgen Degabriele (16-Luis Andre De Melo Lima 67), 23-Jorge Pereira da Silva
*Coach* – Branko Nisevic
**Balzan** – 1-Christian Cassar, 8-Edison David Bilbao Zarate, 10-Dylan Grima (4-Justin Grioli 76), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 5-Samir Arab, 11-Steve Bezzina, 15-Luke Sciberras, 50-Ice Cream Osa Guobadia, 16-Clive Brincat, 9-Jean Pierre Mifsud Triganza (7-Lydon Micallef 68), 14-Gianmarco Piccioni (70-Oscar Dario Guerrero 87)
*Coach* – Oliver Spiteri
Referee – Evan Boyce (Irlanda ta' Fuq)
Assistenti – Ken Ross, Mark O'Brien (Irlanda ta' Fuq)
Raba' Uff. – Ian McNabb (Irlanda ta' Fuq)
Ammoniti – H. Bonello, B. Kristensen, A. Agius (H); I. C. Guobadia, L. Sciberras (B)
Tkeċċa – H. Bonello 73 (H)














Andrei Agius flimkien ma' żewġ mascots

**III Round**

**Logħba Nru 187 - 02.05.2015 - 17.00 hrs**
**Naxxar Lions** 4
A. Scicluna 23, D. Toure 60 pen, J. Santos Silva 63, T. Vella 85 pen
**Sliema Wanderers** 3
A. Pisanu 33 pen, P. Dos Santos Calcado 38, A.J. Friggieri 57
HT 1-2 **National Stadium**

**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ibok Edet, 9-Demba Toure (5-Frank Temile 62), 10-Daren Falzon (7-Terence Vella 62),14-Gilmar Da Silva Ribeiro, 15-Ryan Gilmour Cassar, 18-Pablo Doffo, 19-David Fenech (8-Mattia Del Negro 82), 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alex Muscat, 4-Andrea Scozzese 7- John Mintoff, 10-Andrea Pisanu (16-Trevor Cilia 68), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Mateus Dos Santos Ribeiro, 15-Marko Potezica, 18-Aidan Jake Friggieri, 21-Pedro Dos Santos Calcado (9-Michael Mifsud 81), 28-Beppe Muscat (5-Junior Obagbemiro 90)
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Mario Apap
Assistenti – Mitchell Scerri, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Sandro Spiteri
Ammoniti – A. Buhagiar, G. Da Silva Ribeiro (NL); C. Gatt Baldacchino, P. Dos Santos Calcado, A. Scozzese, A. Muscat (SW)

**III Round**

**Logħba Nru 188 - 02.05.2015 - 17.00 hrs**
**Qormi** 2
A. Nilsson 20, G. Villalobos 48
**Pietà Hotspurs** 1
C. N. Newuche 47
HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 8-Marcelo Roberto Lima De Mattos, 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 20-Zoran Levnaic, 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson, 37-Gustavo Villalobos, 77-Leighton Grech (18-Ryan Micallef 90), 81-Alex Nilsson (6-Alejandro Mendoza 72) (9-Steve Agius 79)
*Coach* – Mark Miller
**Pietà H.** –24-David Casssar, 22-Cain Attard (14-Luke Micallef 46), 5-Christian Grech, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 17-Jurgen Pisani, 18-Orosco Ndubisi Anonam (15-Karl Micallef 44), 2 – Joao Gabriel Da Silva (30-Rafael Rodrigues Da Silva 62), 10-Kyle Cesare, 9-Charles Nnaemeka Newuche, 33-Claudio Frances, 11-Ricardo Costa
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Roberto Vella, David Castillo
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – O. N. Anonam, J. G. Da Silva, C. Grech (PH), S. Agius (Q)

**III Round**

**Logħba Nru 189 - 02.05.2015 - 19.00 hrs**
**Balzan** 0

**Valletta** 1
L. Elford Alliyu 66
HT 0-0 **National Stadium**

**Balzan** – 1-Christian Cassar, 8-Edison Bilbao Zarate, 10-Dylan Grima, 23- Elkin Orlando Serrano Valero, 4-Justin Grioli, 11-Steve Bezzina, 20-Terence Agius (6-Sean Cipriott 76), 50-Ice Cream Osa Guobadia, 16-Clive Brincat, 18-Ryan Darmanin (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 27), 7-Lydon Micallef (13-Mark Spiteri 72)
*Coach* – Oliver Spiteri
**Valletta** – 28-Nicholas Vella, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri (15-Lateef Elford-Alliyu 55), 6-Ryan Fenech (21-Llywelyn Cremona 61), 8-Hamza Barry, 10-Roderick Briffa, 18-Shaun Bajada (11- Ikenna Paul Hillary 80), 30-Abdelkarim Nafti, 36-Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Luke Portelli, Peter Abela
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – C. Brincat, E. Bilbao Zarate, J. Grioli (B), L. Cremona (V)

**III Round**

**Logħba Nru 190 - 02.05.2015 - 19.00 hrs**
**Żebbug Rangers** 0

**Tarxien Rainbows** 2
O. A. Darlington 51, 61
HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Żebbug R.** – 26-Manuel Bartolo, 6-Yessous Camilleri, 16-Matthew Gauci, 4-David Alejandro Reano (66-Lee Galea 20), 11-Matthew Bartolo, 25-Matias Muchardi, 7-Kurt Zammit, 10-Carlo Gordon Monti, 27-Mauricio Osmar Rodrigues Britto, 23-Rashid Yussuff, 9-Luke Montebello (17-Miguel Ciantar 66)
*Coach* – Alfonso Greco
**Tarxien R.** – 12-Sean Mintoff, 4-Manuel Caruana (2-Steven Marc Sadowski 81), 9-Triston Caruana, 10-Firas Aboulezz, 11-Eduardo Vallecillo Casado, 15-Jose Angel Godar Pereira, 17-Alexander Cini, 19-Matthew Tabone, 20-Mouhamed Soly, 22-Obinna Ajoku Darlington (8-Nigel Vella 89), 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
Referee – Marco Borg
Assistenti – Paul Apap, Sammy Attard
Raba' Uff. – William Debattista
Ammoniti – L. Galea, M. Muchardi (ZR)

**III Round**

**Logħba Nru 191 - 03.05.2015 - 17.00 hrs**
**Mosta** 2
A. Borg 93, 94
**Floriana** 2
I. Coronado 1, M. Piciollo 88

HT 0-1 **National Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 5-Mark Brincat, 20-Dyson Falzon, 23-Ousman Koli (16-Karl Pulo 77), 18-Kurt Magro (8-Kyle Frendo 41), 83-Udo Fortune, 15-Adrian Borg, 6-Ryan Grech (25–James Brincat 83), 21-Haruna Babangida, 7-Mickael Nicoise, 3-Rodriguez Ekani
*Coach* – Peter Smith
**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 6-Emerson Marcelina, 9-Vito Plut, 10-Igor Coronado (23-Gary Muir 68), 11-Matteo Piciollo (22-Luca Gatt 90), 14-Conor Borg, 15-Neil Spiteri, 16-Emanuel Briffa, 19-Giovanni Galea (13-Luke Micallef 46), 26-Sacha Borg
*Coach* – Giovanni Tedesco
Referee – Sandro Spiteri
Assistenti – William Debattista, Luke Portelli
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – E. Marcelina, L. Micallef (F)

**III Round**

**Logħba Nru 192 - 03.05.2015 - 19.00 hrs**
**Birkirkara** 0

**Hibernians** 0

**National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Mirza Hamzabegovic, 3-Matheus Bissi da Silva, 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Joseph Zerafa, 2-Edward Herrera, 10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma (18-Ellinton Antonio Costa Morais 61), 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli (20-Kurt Zammit 82), 21-Ryan Scicluna (8-Edmond Agius 80)
*Coach* – Paul Zammit
**Hibernians** – 12-Jurgen Borg, 6-Jonathan Pearson, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 7-Jackson Lima, 13-Clayton Failla, 17-Marko Rajic (18-Luis Andre De Melo Lima 77), 20-Andrei Agius, 23-Jorge Pereira Da Silva
*Coach* – Branko Nisevic
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Alan Camilleri, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – M. Dias (H); J. Zerafa, M. Hamzabegovic, M. M. Latini Mazzetti (B)

**III Round**

**Logħba Nru 193 - 07.05.2015 - 18.00 hrs**

**Floriana** 3
I. Coronado 2, V. Plut 6, M. Piciollo 90
**Sliema Wanderers** 1
M. Dos Santos Ribeiro 91
HT 2-0 **National Stadium**

**Floriana** – 24-Valerio Senatore (1-Matthew Calleja Cremona 53), 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 7-Steve Pisani (25-Daniel Agius 82), 9-Vito Plut, 10-Igor Coronado, 11-Matteo Piciollo, 16-Emanuel Briffa, 19-Giovanni Galea (23-Gary Muir 53), 26-Sacha Borg, 27-Steve Bonnici, 99-Manolito Micallef
*Coach* – Giovanni Tedesco
**Sliema W.** – 23-Sam Bartolo, 2-Alex Muscat, 8-Mark Scerri (28-Beppe Muscat 54), 9-Michael Mifsud (16 Trevor Cilia 78), 10 Andrea Pisanu (17 Peter Xuereb 67), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Mateus Ribeiro dos Santos, 15-Marko Potezica, 18-Aidan Jake Friggieri, 21-Pedro dos Santos Calcado, 24-Djumo Bocar
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Roberto Vella, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – D. F. Moreira Cobo, E. Briffa (F), P. Dos Santos Calcado, C. Gatt Baldacchino (SW)

**III Round**

**Logħba Nru 194 - 07.05.2015 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 0

**Balzan** 1
J. P. Mifsud Triganza 35
HT 0-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Mirka Hamzabegovic, 3-Matheus Bissi da Silva (10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma 60), 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Joseph Zerafa, 8-Edmond Agius, 18-Ellinton Antonio Costa Morais, 20-Kurt Zammit (23-Antoine Borg 84), 24-Rowen Muscat (Edward Herrera 67), 7-Ryan Camenzuli, 21-Ryan Scicluna
*Coach* – Paul Zammit
**Balzan** – 12-Steve Sultana, 8-Edison David Bilbao Zarate, 10-Dylan Grima, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 15-Luke Sciberras (4-Justin Grioli 65), 11-Steve Bezzina, 5-Samir Arab (17-Godwin Mckay 83), 50-Ice Cream Osa Guobadia (20-Terence Agius 46), 16-Clive Brincat, 9-Jean Pierre Mifsud Triganza, 7-Lydon Micallef
*Coach* – Oliver Spiteri
**Referee** – Sandro Spiteri
**Assistenti** – Mitchell Scerri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – R. Scicluna, E. Agius, M. M. Latini Mazzetti (Bk), T. Agius, S. Sultana (Bz)

**III Round**

**Logħba Nru 195 - 08.05.2015 - 19.30 hrs**

**Mosta** 1
T. Farrugia 89
**Naxxar Lions** 2
T. Vella 79, G. Da Silva Ribeiro 86
HT 0-0 **National Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 22-Tyrone Farrugia, 5-Mark Brincat, 20-Dyson Falzon, 83-Udo Fortune (16 Karl Pulo 77), 15 Adrian Borg, 6-Ryan Grech, 21-Haruna Babangida, 7-Mickael Nicoise Dawood (25-James Brincat 88), 3-Rodriguez Ekani, 8-Kyle Frendo
*Coach* – Peter Smith
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ibok Edet, 7-Terence Vella (10-Daren Falzon 85), 14-Gilmar da Silva Ribeiro, 15-Ryan Gilmour Cassar, 18-Pablo Doffo, 19-David Fenech, 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva (5 Frank Temile 89), 24 Albert Bruce
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Roberto Vella, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Paul Apap
**Ammoniti** – D. Fenech. A. Buhagiar (NL), M. Brincat (M)

**III Round**

**Logħba Nru 196 - 08.05.2015 - 19.30 hrs**

**Zebbug Rangers** 1
M. Britto 32
**Qormi** 3
L. Grech 40, 60, A. Nilsson 44
HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Zebbug R.** – 32-Jeffrey Farrugia, 16-Matthew Gauci, 4-David Alejandro Reano, 66-Lee Galea, 5-Paltemio Barbetti, 11-Matthew Bartolo, 25-Matthias Muchardi (23-Rashid Yussuff 68), 7-Kurt Zammit, 10-Carlo Monti, 27-Mauricio Britto, 9-Luke Montebello (18-Shaun Borg 83)
*Coach* – Alfonso Greco
**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 8-Marcelo Lima De Mattos (6-Alejandro Mendoza 62), 11-Alfred Effiong (18-Ryan Micallef 79), 14-Clifford Gauci, 20-Zoran Levnaic, 21-Duncan Pisani (9-Steve Agius 68), 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson, 37 Gustavo Villalobos, 77-Leighton Grech, 81-Alex Nilsson
*Coach* – Mark Miller
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Jurgen Spiteri
**Raba' Uff.** – Luke Portelli
**Ammoniti** – P. Barbetti, L. Galea (ZR); L. Grech (Q)

**III Round**

**Logħba Nru 197 - 08.05.2015 - 19.30 hrs**

**Tarxien Rainbows** 3
F. Aboulezz 10, 52, M. Soly 61
**Pietá Hotspurs** 1
C. Frances 74
HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Tarxien R.** – 12-Sean Mintoff, 2-Steven Mark Sadowski, 9-Triston Caruana, 10-Firas Aboulezz (21-Nigel Vella I 78), 11-Eduardo Vallecillo Casado, 15-Jose Angel Godar Pereira, 17-Alexander Cini (8-Nigel Vella II 82), 19-Matthew Tabone, 20-Mouhamed Soly (7-Jorge Yepes Roda 88), 22-Darlington Obinna Ajoku, 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
**Pietá H.** – 24-David Cassar, 22-Cain Attard (2-Travis Bartolo 72), 15-Karl Micallef, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 17-Jurgen Pisani, 18-Orosco Anonam (6-Neil Pace Cocks 63), 10-Kyle Cesare, 11-Ricardo Costa (14-Luke Micallef 63), 30-Rafael Rodrigues Da Silva, 33-Claudio Frances, 9-Charles Newuche
*Coach* – Noel Coleiro
**Referee** – Andre Arciola
**Assistenti** – Alan Camilleri, Peter Abela
**Raba' Uff.** – David Castillo
**Ammoniti** – N. Vella I (TR), K. Micallef, O. Anonam, N. Pace Cocks (PH)

**III Round**

**Logħba Nru 198 - 09.05.2015 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 3
J. Pereira Da Silva 16, 36, 48 pen
**Valletta** 1
S. Bajada 82
HT 2-0 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 8-Rodolfo Soares (Keith Tanti 32), 20-Andrei Agius, 5-Rui da Gracia Gomes, 9-Marcelo Dias (2-Timothy Desira Tabone 83), 10-Andrew Cohen, 7-Jackson Lima, 13-Clayton Failla, 11-Bjorn Kristensen (14-Jurgen Degabriele 65), 19-Johann Bezzina, 23-Jorge Pereira da Silva
*Coach* – Branko Nisevic
**Valletta** – 1-Pietro Demetrio Marino, 2-Jonathan Caruana (11-Ikenna Paul Hillary 5), 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry, 10-Roderick Briffa, 15-Lateef Elford-Alliyu (21-Llywelyn Cremona 76), 18-Shaun Bajada, 30-Abdelkarim Nafti (28-Nicholas George Vella 48), 36-Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – William Debattista, David Castillo
**Raba' Uff.** – Philip Farrugia
**Ammoniti** – L. Dimech (V)
**Tkeċċa** – P. D. Marino 48 (V)

**Rel/Prom Play-Off**

**15.05.2015 - 19.30 hrs**

**Mosta** 2
U. Fortune 88, G. Roberts 92
**Gzira United** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 22-Tyrone Farrugia, 10-Ian Zammit, 3-Rodriguez Ekani, 11-Gary Roberts, 21-Haruna Babangida, 5-Mark Brincat, 20-Dyson Falzon, 15-Adrian Borg (83-Udo Fortune 62), 6-Ryan Grech (18-Kurt Magro 76 ), 8-Kyle Frendo
*Coach* – Peter Smith
**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 6-Daniel Scerri, 8-Dejan Vukovic (66-Matteo Caribotti 89), 10-Gabriel Aquilina, 13-Jean Paul Scerri, 14-Moises Avila Perez, 18-Jamie Pace, 23-Josef Mifsud, 28-John Nwobo, 77-Ryan Dalli, 92-Yanis Tonna
*Coach* – Darren Abdilla
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – William Debattista, Duncan Sultana
**Raba' Uff.** – Thomas Debono
**Ammoniti** – D. Scerri, A. Curmi (G), R. Grech, R. Ekani, G. Roberts, T. Farrugia, U. Fortune (M)











**BOV CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

**BOV**
Bank of Valletta

# Birkirkara għall-ħames darba

Birkirkara rebħu l-ħames FA Trophy fl-istorja tal-club, meta b'wirja konvinċenti għelbu liċ-champions, Hibernians, bl-iskor ta' 2-0.

Jassisti għal din il-logħba, kien hemm l-ex attakkant internazzjonali Taljan Fabrizio Miccoli, bi xnigħat persistenti kienu qed isostnu li teżisti possibbiltá li stagun ieħor jista' jingħaqad mal-Istripes.

L-ewwel minuti tal-partita kienu ferm kwieti bl-ewwel azzjoni denja ta' nota tasal biss fid-29 minuta, li kienet proprju l-azzjoni li waslet għall-goal ewwel goal ta' Birkirkara.

Kien freekick mogħti b'mod perfett minn Rafael Ledesma, bil-ballun jispiċċa għand id-difensur versatili Arġentin, MAURICO MAZZETTI, li b'nofs rovexxjata għeleb lil Henry Bonello fost il-ferħ tal-mijiet ta' partitarji Karkariżi preżenti fl-Istadium Nazzjonali.

Fit-53 minuta freekick ta' Rafael Ledesma għadda ftit għoli mil-lasti difiżi minn Henry Bonello.

Hibernians irrispondew fit-62 minuta, permezz ta' xutt ta' Clayton Failla minn barra l-kaxxa li ġie milqugħ minn mal-art minn Justin Haber. Seba' minuti biss wara Birkirkara rdoppjaw meta Joseph Zerafa baqa' jinsisti fuq il linja lcminija, għadda cross preċiż lejn RAFAEL LEDESMA, u wara żball tad-difensur Rui da Gracia Gomes, li naqas li jikklerja, il-ballun spiċċa għand il-midfielder Brażiljan, li tefa' ġewwa, biex aċċerta r-rebħa għall-Istripes.

U maħsuda minn dan il-goal, il-Pawlisti kienu għoddhom sofrew goal ieħor, minuta biss wara iżda t-tentattiv mill-viċin ta' Paul Fenech stampa mal-wieqfa, bid-difiża ta' Hibernians tikklerja l-ballun 'il bogħod minn kull periklu.

Fi tmiem din il-finali, il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, ippreżenta t-trofew tal-FA Trophy lill-captain ta' Birkirkara, Paul Fenech.




Joseph Zerafa (Birkirkara) jirbaħ dwell kontra Marcelo Dias (Hibernians)

**Finali**

23.03.2015 - 17.00 hrs

**Hibernians** 0

**Birkirkara** 2

M. M. Latini Mazzetti 29, R. P. Ledesma 69

HT 0-1 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 7-Jackson Lima, 5-Rui De Gracia Gomes (17-Marko Rajic 73), 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias (22-Joseph Essien Mbong 83), 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 19-Johann Bezzina, 20-Andrei Agius, 13-Clayton Failla, 23-Jorge Da Silva Pereira

*Coach* – Branko Nisevic

**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 22-Zach Muscat, 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Joseph Zerafa, 6-Paul Fenech, 10-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma (4-Gareth Sciberras 90), 2-Edward Herrera, 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli (18-Ellinton Antonio Costa Morais 65), 21-Ryan Scicluna (3-Mattheus Bissi da Silva 74)

*Coach* – Paul Zammit

Referee – Andrè Arciola

Assistenti – Mitchell Scerri, Paul Apap

Add. Ass. Referees – Marco Borg, Mario Apap

Res. Ass. Referee – Christopher Francalanza

Raba' Uff. – Philip Farrugia

Ammoniti – C. Failla, A. Cohen (H); N. Vukanac, M. M. Latini Mazzetti (B)

Attendenza – 6,288



Rafael Ledesma jiskorja t-tieni goal ta' Birkirkara kontra Hibernians




Jorge Pereira Da Silva (Hibernians) jiddefendi l-ballun minn Mauricio Mazzetti (Birkirkara)

# BIRKIRKARA FC REBBIEHA TAL-FA TROPHY 2015



# Pembroke A. champions għall-ewwel darba





1. Il-captain ta' Pembroke A. Roderick Bajada jirċievi t-tazza mingħand il-viċi-president tal-MFA Ludovico Micallef
2. Il-captain ta' Pembroke A. Roderick Bajada jgħolli t-tazza tar-rebħ tal-Ewwel Diviżjoni

**24.04.2015**

**Luxol Stadium**

**St George's v Pembroke.............. 2-5**
*Ariel Laudisi 2, Lyden Micallef, Ousmane Sidibe, Lucky Omeruo (PA); Emerson Amaira, Noah Ojuola Olawale (SG)*

**Centenary Stadium**

**Melita v St Andrew's.................. 2-2**
*Antoine Attard, Kane Micallef (M); Trayo Grozev, Marigen Sehitaj (SA)*

**25.04.2015**

**Centenary Stadium**

**Gzira U. v Mqabba .................... 2-0**
*John Nwoba, Ryan Dalli*

**Gudja U. v Lija A....................... 1-4**
*Predrag Babic, Erjon Beu 3 (LA); Angelo Catania (GU)*

**26.04.2015**

**Centenary Stadium**

**Rabat A. v Birżebbuġ SP............ 1-0**
*Chris Vella (RA)*

**Zurrieq v Msida SJ...................... 5-2**
*A Agius, Joseph Okonkwo 2, Joseph JoJo Ogunuppe 2 (Z); Zvezdan Vukovic, Isaac Chircop (MSJ)*

**Decider għat-Tielet Post**

**03.05.2015**

**Centenary Stadium**

**Gzira U. v Melita........................ 0-0**
*(Gzira U. 4-3 bil-penalties)*
*Skorers: Gzira U.: Moises Avila Perez, Ryan Dalli, Matteo Caribotti, Daniel Scerri*
*Skorers: Melita: Julian Galea, Kurt Coleiro, George Gribbon*

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke A. | 26 | 17 | 4 | 5 | 54 | 22 | 55 |
| St Andrew's | 26 | 15 | 6 | 5 | 49 | 32 | 51 |
| Gzira U. | 26 | 14 | 3 | 9 | 46 | 31 | 45 |
| Melita | 26 | 14 | 3 | 9 | 36 | 28 | 45 |
| Fgura U. | 26 | 11 | 10 | 5 | 32 | 27 | 43 |
| Gudja U. | 26 | 11 | 8 | 7 | 46 | 32 | 41 |
| St George's | 26 | 11 | 8 | 7 | 43 | 38 | 41 |
| Lija A. | 26 | 12 | 2 | 12 | 45 | 43 | 38 |
| Vittoriosa S. | 26 | 11 | 5 | 10 | 44 | 43 | 38 |
| Mqabba | 26 | 10 | 6 | 10 | 40 | 36 | 36 |
| Rabat A. | 26 | 8 | 5 | 13 | 27 | 37 | 29 |
| Zurrieq | 26 | 6 | 4 | 16 | 29 | 46 | 22 |
| Msida SJ | 26 | 4 | 3 | 19 | 27 | 64 | 15 |
| B'buġa SP | 26 | 3 | 3 | 20 | 25 | 64 | 12 |


BOV
EUROSPORT
adidas

# San Ġwann jirbħu l-Kampjonat b'vantaġġ ta' tliet punti







1. Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, jippreżenta t-Tazza lill-captain ta' San Gwann, Alan Borg
2. Ryan Zammit jirċievi t-Tazza mingħand ir-rappreżentant tal-BOV, Mario Pace

**24.04.2015**

**Sirens Stadium**

**Zabbar SP v Sirens.................... 4-2**
*Samuel Buhagiar, Redeemer Cutajar, Dylan Micallef 2 (ZSP)*

**Charles Abela Stadium**

**Senglea A. v Swieqi U. ................ 5-0**
*Aud-gustine James Obaje 2, Timothy Thomas 2, Brady Zerafa (SA)*

**Xgħajra T. v Siggiewi.................. 0-2**
*Kim Buhagiar, Ayrton Buhagiar (S)*

**Sirens Stadium**

**Mellieħa v San Gwann................ 0-2**
*Josef Ciantar, Ryan Zammit (SG)*

**Għaxaq v Marsa.......................... 1-0**
*Noel Bilocca (Għ)*

**Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S. v Zejtun C. ............... 3-0**
*Saturday Nanapere 2, Alan Tabone (HS)*

**Għargħur v Dingli S. .................. 4-1**
*Muda Fagbeja 4 (Għ); Luke Borg (DS)*

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Gwann | 26 | 18 | 5 | 3 | 59 | 16 | 59 |
| Hamrun S. | 26 | 18 | 2 | 6 | 65 | 22 | 56 |
| Senglea A. | 26 | 17 | 4 | 5 | 71 | 21 | 55 |
| Għargħur | 26 | 12 | 8 | 6 | 42 | 31 | 44 |
| Zabbar SP | 26 | 12 | 7 | 7 | 47 | 32 | 43 |
| Zejtun C. | 26 | 13 | 4 | 9 | 30 | 26 | 43 |
| Siggiewi | 26 | 11 | 6 | 9 | 45 | 45 | 39 |
| Mellieħa | 26 | 11 | 5 | 10 | 30 | 35 | 38 |
| Sirens | 26 | 10 | 5 | 11 | 45 | 44 | 35 |
| Swieqi U. | 26 | 9 | 6 | 11 | 35 | 40 | 33 |
| Marsa | 26 | 7 | 7 | 12 | 36 | 47 | 28 |
| Dingli S. | 26 | 5 | 4 | 17 | 25 | 53 | 19 |
| Għaxaq | 26 | 4 | 3 | 19 | 17 | 57 | 15 |
| Xgħajra T. | 26 | 1 | 2 | 23 | 15 | 90 | 5 |



# Kirkop U. jirbħu ċ-Championship Decider kontra Mgarr U.






1. David Camilleri (Mgarr U.) jipprova jwaqqaf lil Michael Theuma (Kirkop U.)
2. Taqtiegħa għall-ballun bejn Gianluca Theuma (Mgarr U.) u Matthew Caruana (Kirkop U.)

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop U. | 24 | 16 | 4 | 4 | 62 | 16 | 52 |
| Mgarr U. | 24 | 16 | 4 | 4 | 53 | 24 | 52 |
| Qrendi | 24 | 14 | 6 | 4 | 51 | 28 | 48 |
| St Lucia | 24 | 12 | 5 | 7 | 42 | 25 | 41 |
| Attard | 24 | 13 | 2 | 9 | 42 | 30 | 41 |
| Marsaskala | 24 | 10 | 6 | 8 | 35 | 30 | 36 |
| Mtarfa | 24 | 9 | 7 | 8 | 36 | 31 | 34 |
| St Venera L. | 24 | 8 | 9 | 7 | 25 | 25 | 33 |
| Kalkara | 24 | 7 | 5 | 12 | 21 | 46 | 26 |
| Mdina K. | 24 | 4 | 12 | 8 | 30 | 35 | 24 |
| Luqa SA | 24 | 4 | 6 | 14 | 19 | 52 | 18 |
| Marsaxlokk | 24 | 4 | 6 | 14 | 23 | 61 | 18 |
| Ta' Xbiex | 24 | 1 | 4 | 19 | 16 | 52 | 7 |

**26.04.2015**
**Luxol Stadium**

**Qrendi v Ta' Xbiex .................... 5-2**
*Antoine Sacco 3, Clive Caruana, Dylan Zarb (Q); Alistair Bezzina, Steven Hyzler (TX)*

**Kalkara v St Lucia .................... 0-4**
*Mohamed Sanussi Atlesi (SL)*

**Charles Abela Stadium**

**Attard v Mgarr U. .................... 1-4**
*Mark Abela 2, Ryan Vella, James Borg (MU); Rodney Galea (A)*

**St Venera L. v Mtarfa................. 2-2**
*Francesco Azzopardi 2 (M); Gerald Ancilleri, Mark Grech (SVL)*

**Sirens Stadium**

**Kirkop U. v Marsaskala.............. 3-0**
*Dylan Rapinett, Endrit Kaca, Matthew Caruana (KU)*

**Mdina K. v Luqa SA.................. 1-1**
*Justin Cilia (LSA); Cachel Vella (MK)*

**Championship Decider**
**02.05.2015**
**Centenary Stadium**

**Mgarr U. v Kirkop U. ................ 0-2**
*Michael Zammit 2 (KU)*

**Relegation Decider**
**02.05.2015**
**Centenary Stadium**

**Luqa SA v Marsaxlokk................ 2-3**
*Manuel Caruana 2, Dylan Attard (M); Mark Said, William Mallia (LSA)*


BOV



# Hibernians jiksbu t-Treble

Hibernians kisbu r-raba' rebħ tan-Knock-Out tan-Nisa fl-istorja tal-club meta bl-aktar mod konvinċenti għelbu lil Raiders Luxol bl-iskor kbir ta' 6-0.

B'hekk huma kisbu t-Treble wara li aktar kmieni dan ix-xahar, rebħu l-Kampjonat filwaqt li fil-bidu tal-istaġun, eżattament f'Settembru li għadda, rebħu s-Super Cup meta fil-finali għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 2-0.

Din kienet it-tieni Treble miksuba bl-oħra tkun reġistrata fl-istaġun 2005/06.

Din kienet l-ewwel finali tan-Knock Out li qatt lagħbu Raiders fl-istorja tagħhom, liema team temm fit-tielet post tal-Kampjonat tan-Nisa matul dan l-istaġun.

Hibernians fetħu l-iskor wara sitt minuti minn daqqa ta' ras ta' YLENIA CARABOTT.

Fl-40 minuta, Hibernians irdoppjaw minn daqqa ta' ras ta' DIONNE TONNA mill-corner ta' Dorianne Theuma. Minuta qabel tmiem l-ewwel taqsima, il-Pawlisti komplew ikabbru l-vantaġġ minn Martina Borg li kkonkludiet mill-cross ta' Shona Zammit.

Fis-46 minuta, għamluhom erbgħa permezz ta' xutt potenti ta' DORIANNE THEUMA minn barra l-kaxxa.

Hibernians komplew ikabbru l-vantaġġ minn MARTINA BORG biex irreġistrat id-doppjetta personali ... li bħalha għamlet Ylenia Carabott, fid-79 minuta, għal skor finali ta' 6-0.

Wara l-logħba s-Segretarju tal-MFA, Louis Micallef, ippreżenta t-Tazza tar-rebħ tan-Knock-Out lill-captain ta' Hibernians, Dionne Tonna.

*Hibernains*: 1-Keoney Demicoli, 18-Charlene Zammit, 4-Martina Borg, 20-Francesca Chircop (10-Ruth Steer Chetman 79), 13-Mandy Debono (14-Claudette Xuereb 46), 6-Dorianne Theuma (21-Nicole Borg 65), 9-Dionne Theuma, 8-Shona Zammit, 2-Rodianne Borg, 7-Ylenia Carabott, 3-Claire Sciberras (17-Maria Azzopardi 71) Coach: Keith Gouder

*Raiders L.*: 1-Sonia Farrugia, 22-Rebecca Bajada, 11-Nora Agliano, 23-Joselene Gafa (85 Katie Gribbon 85), 99 Chantelle Grech (14-Rebecca Vella 75), 3-Ann Marie Said, 8-Tracy Theuma, 19-Corissa Vella, 9-Emma Xuereb, 15-Andy Zammit Mizzi, 4-Michelle Zuber (Rodianne Zerafa 52) Coach: Josè Borg

*Referee*: Daniel Portelli

*Assistenti*: Andrè Psaila, Ryan Caruana

*Ammoniti*: R. Borg, M. Borg (H), J. Gafa (RL)

*Skorers:* Y. Carabott 6, 79, D. Tonna 40, M. Borg 45, 76, D. Theuma 46 (H)

## Grupp Malti jagħmel żjara lil Myles Beerman f'Manchester City

Ftit tal-ġimgħat ilu, grupp ta' 12-il persuna Maltin li marru Manchester biex jaraw id-derby bejn il-United u s-City, ħadu l-okkażjoni wkoll biex imorru f'Carrington u jaraw liż-żagħżugħ Malti, Myles Beerman, jilgħab ma' Manchester City, fid-derby tal-kategorija ta' Taħt is-16-il sena.

Bis-City joħorġu fuq l-offensiva fejn saħansitra Beerman, li ilu tliet snin ma' dan it-team, laqat il-lasta fil-bidu tat-tieni taqsima, mal-ħin il-United tjiebu u spiċċaw rebbieħa bl-iskor ta' 2-0.

Wara l-logħba, Beerman, li huwa ħabib kbir mal-membru tal-grupp, Malcolm Attard, tkellem mal-grupp fejn stedinhom ukoll biex iżuru l-Akkademja mill-aktar moderna ta' Manchester City.

Dan il-kumpless jilqa' fih 16-il training ground, fejn il-grupp Malti ġie mdawwar fid-dressing rooms, fil-gym kif ukoll fil-klinika fejn il-players jiġu ttrattati għall-injuries. F'din iż-żjara kien hemm ukoll xi players tal-ewwel skwadra.



Wara li ttieħdu xi ritratti tal-okkażjoni, Beerman ingħata permess speċjali biex ikun jista' jqatta' l-kumplament tal-lejla mal-grupp Malti, f'Piccadilly Gardens.

# Hibernians Nisa Champions 2014/15



**Wara** - Michaela Camilleri, Gaby Tonna, Shona Zammit, Claire Sciberras
**Fin-nofs** - Charlene Zammit, Ruth Steerchatham, Dionne Tonna (captain), Ylenia Carabott, Rita Tagliaferro, Keoney Demicoli, Francesca Chircop, Martina Borg, Rodianne Borg, Sherone Spagnol
**Quddiem** - Tessie Agius (Team Manager), Dorianne Theuma, Mandy Debono, Dylan Gouder (Ass. Coach), Victor Elull (Chairperson), Tony Bezzina (President), Keith Gouder (Coach), Claudette Xuereb, Nicole Borg, Sarah Caruana (Kit Manager)

Ritratti **Maria Farrugia**

minn Joe Micallef - Segretarju Ġenerali YFA




# Qormi Nursery - Vižjoni li ssarrfet f'realtà

F'din il-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn ħidmet waħda minn nurseries affiljata mal-Youth FA - dik ta' Qormi - fejn għal dawn l-aħħar snin ħadmet fuq proġett u li ftit tal-ġranet ilu żort dan il-proġett kif ukoll sirt naf aktar dwar il-viżjoni ta' din in-nursery fejn apparti l-parti teknika tal-logħob .... il proġett imur lil hinn minn dan.

Iltqajt ma tliet pilastri ta' din in nursery, iċ-Chairman Victor Camilleri, is-segretarju Mario Scerri, u l-Head Coach Edward Micallef.

Bogħod minn ħafna daqq ta' trombi dawn in-nies flimkien ma' oħrajn, ħadmu matul is-snin biex illum hemm ir-riżultat mixtieq li jkompli jagħti aktar frott fil-futur qrib lil din in-nursery. Iċ-Chairman għamel referenza li l-importanti li jkollok nies madwarek li jifhmu fejn trid tasal in-nursery, u flimkien jaħdmu biex jilħqu l-viżjoni. Dan il-proġett ma kienx wieħed ta' ftit xhur, iżda mifrux fuq medda ta' 'l-fuq minn għaxar snin. Nixtieq naqsam magħkom dawn il-kummenti li ħarġu waqt id-diskussjoni tagħna.

**Kif nibtet l-idea ta' dan il-proġett?**

Kollox beda meta Victor Camilleri, chairman tal-organizzazzjoni tagħna, tela' Liverpool u kien iltaqa' ma xi esponenti tal-club ta' Liverpool li kienu dawruh mal-kumpless u għoġbitu ħafna l-idea tal-Akkademja tagħhom. Meta rritorna lura Malta, ddiskuta din l-idea mal-kumitat ta' dak iż-żmien kif ukoll mall-Head Coach, Edward Micallef, u ġie stabbilit li n-Nursery tagħna għandha toħloq forma ta' Akkademja bl-istess kunċett iżda fil-limiti tagħna.

**Kif jaħdem dan il-proġett?**

It-tfal jaslu l-Kumpless ta' Qormi FC għall-ħabta tat-3.30 p.m. fejn dawn isibu snack jistennihom li jkun ordnat minn fuq *healthy menu*. Wara dan il-ħin ta' rikreazzjoni, it-tfal imorru ġewwa l-klassi fejn isibu l-għalliema jistennewhom sabiex jassistuhom fil-homework li jkollhom. Wara tliet kwarti dawn jinżlu fid-dressing rooms biex ibiddlu t-training-kit u hemmhekk isibu l-coaches jistennewhom biex ikunu jistgħu jibdew sessjoni ta' taħriġ ta' siegħa u nofs.

**Dan miftuħ għat-tfal li jattendu n-nursery ta' Qormi biss?**

Meta din l-Akkademja ġiet introdotta kienu jattendu tfal min-nursery tagħna biss, però sena wara l-oħra l-popolarità kompliet tikber u llum il-ġurnata hemm diversi tfal minn nurseries oħra li qegħdin jattendu.

**Hemm il-ħsieb li dan iċ-**





**Ċentru jkun post fejn jista' joffri servizz ta' training camp għal timijiet barranin?**

S'issa diġà kellna timijiet Maltin li ġew jagħmlu użu mill-faċilitajiet tagħna li jinkludu anki dormitorju, però il-viżjoni tagħna għall-futur hi li jkun hemm anki timijiet barranin li jiġu jorganizzaw training camps.

**X'inhi il filosofija ta' dan il-proġett?**

Il-filosofija tal-proġett tal-akkademja hi li kemm jista' jkun ngħaqqdu l-isport mal-iskola. Sfortunatament hawn Malta għadna naħsbu li l-isport u l-iskola ma jmorrux flimkien iżda permezz ta' dan il-proġett qiegħed jirnexxielna insawru mentalità ġdida fil-ġenituri u t-tfal li jattendu u għal daqstant nemmnu li l-mentalità maż-żmien tinbidel.

**X'tip ta' servizzi qed jiġu offruti?**

Apparti għajnuna fil-homework u taħriġ fil logħba tal-futbol, jiġu organizzati wkoll seminars fuq in-nutrizzjoni tat-tfal sabiex dejjem itejbu id-dieta tagħhom u jieklu affarijiet nutrienti. Għandna l-ħsieb li ġewwa l-kumpless ikollna klinika strutturata u mgħammra b'apparat li fost servizzi oħra tkun tista' toffri servizz ta' fiżjoterapija lit-tfal li jiġu bżonnha.

**Il-proġett huwa xi ħaġa differenti min-nursery, jew huwa parti minn nursery?**

Għall-bidu dan il-proġett kien jitqies bżala parti min-Nursery però llum il-ġurnata meta wieħed jikkunsidra li sirna nattiraw anki tfal li ma jifformawx parti min-Nursery tagħna, ma nistgħux nibqgħu nqisuh bl-istess mod iżda bħala parti differenti.

**Tingħata attenzjoni lejn is-saħħa u sigurtà ta' dawk li jattendu dan il-kumpless? L-ikel u affarijiet oħra huma primarji fit-tmexxija?**

Aħna nemmnu li dawn iż-żewġ affarijiet huma mportanti ħafna sabiex ikollok kumpless li jkun jista' joffri servizz tajjeb ħafna. Fil-fatt matul is-sena jiġu organizzati diversi seminars b'rabta mas-saħħa u l-ikel tat-tfal tagħna.

Mill-aspett tas-sigurtà nistgħu ngħidu li din is-sena għamilna qabża kbira u mportanti ħafna minħabba l-fatt li ġew introdotti tliet AED machines, li tnejn minnhom ġew mixtrija min-Nursery bis-saħħa tad-donazzjonijiet miġbura mill-ġenituri kif ukoll mill-benefatturi u oħra li ġiet mogħtija lilna min-naħa tar-Reġjun ta' Nofsinhar u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Bis-saħħa ta' dawn l-AED machines, kemm it-tfal kif ukoll kull min jattendi ġewwa l-kumpless ser ikun qiegħed f'ambjent aktar sigur minħabba l-fatt li waħda minnhom ser tkunu dejjem fil-Kumpless filwaqt li t-tnejn l-oħra ser ikunu jistgħu jiġu użati mit-timijiet tan-Nursery li jkollhom logħob barra mill-Kumpless.

Is-sigurtà ma tieqafx hawnhekk minħabba l-fatt li għadhom kemm ġew introdotti diversi cameras tas-sigurtà sabiex inkunu nistgħu nissorveljaw bl-aħjar mod possibbli l-kumpless. Madankollu, waħda minn dawn il-cameras għandha użu speċifiku minħabba l-fatt li ser tkun qegħda tiġi użata mill-coaches sabiex ikunu jistgħu

jirrekordjaw is-sessjonijiet ta' taħriġ. Fil-futur mistennija jkomplu jiżdiedu aktar cameras ġewwa l-Kumpless.

**Tinżamm xi tip ta' data ta' dawk li jattendu, il-progress u l-futur tagħhom?**

Id-data hija mportanti ħafna sabiex ikunu jistgħu jiġu evalwati bl-aħjar mod it-tfal. Fil-fatt matul is-sena jiġu organizzati Parents Days li fihom il-coaches ikunu jistgħu jiddiskutu l-progress tat-tfal mal-ġenituri tagħhom.

**Il-ħsieb tal-proġett huwa li jwassal players fil-ewwel team ta' Qormi jew hemm ħsibijiet oħra?**

Ix-xewqa ta' kull Nursery hija li kemm jista' jkun ikollha tfal li jirnexxielhom jagħmlu l-pass għal mat-team tal-kbar. Però l-ewwel u qabel kollox, xi ħaġa oħra li hija mportanti ħafna hi li t-tfal li jattendu eventwalment jkollom karattru sod u tajjeb għax wara kollox jekk inkunu realistiċi mhux kull min jattendi fin-Nursery maż-żmien se jirnexxielu jilħaq player, però li jiġu mrawma adulti b'karattru tajjeb huwa dejjem importanti.

**Kemm huwa vijabbli dan il-proġett u għandhom nurseries oħra jikkunsidraw li jinvestu f'dan it-tip ta' struttura ta' nursery?**

Proġett ta' dan it-tip huwa vijabbli dejjem minħabba l-fatt li bis-saħħa tiegħu, kemm in-Nursery kif ukoll it-tfal ikunu qegħdin jiggwadanjaw. Eventwalment bis-saħħa ta' proġett bħal dan li huwa ppjanat fit-tul, ikun qiegħed jiggwadanja l-futbol lokali peress li jekk it-tfal ikunu qegħdin jitħarrġu b'mod iktar professjonali, kemm it-timijiet tal-kbar kif ukoll l-iskwadri nazzjonali ikunu jistgħu jieħdu r-riżultat mixtieq maż-żmien.

Għaldaqstant aħna nemmnu li kull Nursery għandha tagħmel minn kollox sabiex tipprova torganizza kemm jista' jkun lilha nnifisha permezz ta' struttura aktar professjonali fil-limiti finanzjarji u tar-rizorsi tan-Nursery rispettiva.

**X'inhu l-ħsieb għall-futur ta' dan il-proġett u fejn tridu taslu finalment?**

Il-ħsieb għall-futur huwa li maż-żmien inkomplu dejjem ntejbu s-servizz tagħna ħalli nkomplu ngħollu aktar il-livell tan-Nursery tagħna. Illum il-ġurnata aħna nemmnu li bis-saħħa ta' din l-istruttura, sirna nattiraw ħafna aktar tfal lejn il-klabb tagħna u għaldaqstant bis-saħħa ta' hekk inkunu dejjem nistgħu nkomplu nagħmlu progress. Bħalma diġà semmejna aktar qabel, kull Nursery tieħu gost li kemm jista' jkun ikollha tfal ta' livell ħerġin minn taħt il-kappa tagħha u l-ħsieb għall-futur mil-lat kalċistiku huwa dak li nkomplu dejjem inżidu l-livell tat-tfal tagħna.

**Taħsbu li taqilbu professjonali u x'diffikultajiet primarji taħsbu li tridu tiffaċċjaw?**

Il-mira ta' kull għaqda ta' ċertu statura huwa li maż-żmien taqleb għal waħda professjonali u aħna nqisuna bħala waħda minn dawn, però rridu nkunu reali u konsapevoli ta' kull pass li nagħmlu. Wieħed mis-sigrieti għas-suċċessi li ksibna matul dawn is-snin bħħala Nursery, fosthom l-introduzzjoni ta' dan il-proġett, huwa li dejjem konna paċenzjużi ħafna fid-deċiżjonijiet tagħna u li dejjem għamilna dak li flaħna nagħmlu mingħajr ebda għaġġla u entużjażmu żejjed. Sfortunatament, il-ħajja tal-lum tant kemm saret mgħaġġla li xi kultant iġġiegħlna nieħdu ċerti deċiżjonijiet ħżiena minħabba nuqqas ta' paċenzja. Però biex tasal għas-suċċess fi proġetti ta' dan it-tip, trid tkun kapaċi tistenna u timxi ma' pjan sabiex finalment tkun tista tara r-riżultati mixtieqa.

Li jkollok ambizzjonijiet kbar u ħafna entużjażmu huwa mportanti, però li tqis u tevalwa kull pass li tkun ser tagħmel huwa ħafna aktar importanti.

**Dan il proġett taħseb li qed ikun aċċettat mill-parent club, mill-ġenituri u minn dawk li għandhom għal qalbhom il-futbol ?**

Iva, qed ikun aċċettat mit-tliet komponenti msemmija minħabba l-fatt li kulħadd għandu x'jiggwadajna minn dan il-proġett. Jekk maż-żmien il-livell tat-tfal ikompli dejjem jitjieb, kemm il-parent club kif ukoll il-ġenituri u kull min għandu l-futbol għal qalbu ser ikun kuntent. Proġett ta' din it-tip huwa wieħed pożittiv u għaldaqstant aħna nemmnu li għandu mportanza kbira għall-ġid tal-futbol lokali.

**Proġett bħal dan huwa biss frott l-entużjażmu jew frott ta' studju u esperjenza fit-tul ta' dawk involuti matul is-snin?**

Proġett bħal dan huwa riżultat ta' dawn it-tliet komponenti f'daqqa. L-entużjażmu jgħinek sabiex toħlom u taħseb f'affarijiet ġodda li tista' tagħmel, l-istudju jgħinek toħloq pjan sabiex din il-ħolma tkun tista' maż-żmien issir realtà u fl-aħħarnett l-esperjenza tgħinek sabiex tkun kapaċi tieħu l-aħjar deċiżjonijiet possibbli.





**X'taħseb li minn dak li għamiltu sa issa f'dawn l-aħħar snin mit-twaqqif ta' dan il-proġett tagħżlu li tibdlu u ma tirrepetux?**

Mingħajr ma nkunu prużuntużi, il-fatt li dejjem imxejna pass wara pass u li dejjem għamilna dak li konna nifilħu, iġiegħlna nħarsu lura lejn il-passat b'mod sodisfaċenti ħafna u mingħajr ebda dispjaċir li forsi stajna għamilna xi ħaġa minflok xi ħaġa oħra. Inqisu li sa issa kull deċiżjoni li ġiet meħuda kienet l-aħjar possibbli u għaldaqstant nahsbu li dak kollu li għamilna s'issa nerġgħu nirrepetuh mingħajr ebda biżgħa.

Din l-esperjenza tħallik taħseb fil-fond dwar dawk in-nies li għalkemm volontiera jaħdmu bi professjonalità u li dejjem żammew viżjoni ta' progress quddiemhom.





minn Joe Bajada

# Festival Sportiv ta' su





Fl-aħħar tmiem il-ġimgħa ta' April, il-Gozo Sports Board flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Malti għall-iSport organizzaw festival sportiv li fih ħadu sehem mijiet ta' Maltin u Għawdxin li f'diversi faċilitajiet u postijiet imferrxa mal-gżira Għawdxija ħadu sehem f'diversi dixxiplini sportivi.

Impressjonanti kienet l-esibizzjoni fl-ajru ta' diversi mudelli ta' ajruplani fil-Heliport tax-Xewkija fejn hawn diversi nies assistew għal dan l-ispettaklu ta' wirjiet li kienu l-ewwel tax-xorta tagħhom ta' dan il-kobor li kienu mtajra fis-sema kaħlanija b'kapaċitajiet kbar mill-piloti tagħhom. Ta' sodisfazzjon kien li ma' dawn il-Maltin ingħaqdu wkoll xi Għawdxin li jippossjiedu arjuplani kważi simili.

F'diversi gorunds u stadiums saru diversi tournaments tal-football b'bosta nurseries Maltin jitilgħu Għawdex biex jilagħbu l-logħba favorita tagħhom fi spirtu tal-iktar ħbiberija. Dan il-logħob kien ikkordinat mill-Gozo Youth FA.

Il-Gozo Target Shooting Club organizzaw kompetizzjonijiet tal-iSparar fis-Shooting Range, Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ. L-Atheltix Athletics Club żamm Fun Athletic Games u 60 metres Race fil-gorund tal-iSkola Ninu Cremona fir-Rabat.

Fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat, The Turning Pointe Dance Theatre organizzaw wirjiet ta' Ġinnastika għal bosta tfal, filwaqt li l-Gozo Spirit Combat Club għamlu workshop tal-Arti Marzjali b'diversi judokas jieħdu sehem ferm attiv.

Bħala bonus għal dan kollu saret l-40 edizzjoni tan-Nofs Maratona tax-Xagħra b'iktar minn 300 atleta jieħdu sehem.

Din reġgħet kienet għal darb'oħra waħda ta' suċċess kemm f'dik li hi parteċipazzjoni kif ukoll fl-organizzazzjoni tad-diversi tiġrijiet li saru.

Apparti n-nofs maratona, saru anke tlielaq tat-8 mili, tal-4km, tat-2km, kif ukoll l-Fun Run. Għattielet darba ġiet organizzata wkoll il-Mountain Bike Race fuq distanza ta' 13.1 mil. F'temp mill-iktar sajfi, din il-maratona reġgħet offriet sfida unika għax tgħaddi minn qalb il-pjanura Għawdxija u minn diversi toroq qalb il-kampanja. Din toffri diversi tlajja u nżul u l-ħatt li tgħaddi minn qalb il-pjazez ta' mill-anqas sebat irħula Għawdxin, tagħmel din il-maratona ta' interess partikolari. Din intrebħet mid-debuttant Taljan Giacomo Fontanel, segwit

# ċċess kbir f'Għawdex

mir-rebbieħ tas-sena l-oħra Drew Lang u l-Għawdxi Stefan Azzopardi jispiċċa għat-tieni darba konsekutiva fit-tielet pożizjoni.

L-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi kienet parti minn dan il-programm ta' tmiem il-ġimgħa sportiva f'Għawdex. Hija organizzat il-ħames attività mill-Kampjonat ASMK Pasta Poiatti 2014/15 bil-Moto Enduro li saret fil-Barriera Tal-Għansar f'San Lawrenz.

Għal din l-attività ħadu sehem 35 kompetitur maqsuma fit-tliet klassijiet. Klassi A għall-muturi sa 250cc ċilindrata ħareġ rebbieħ Damon Bonello fuq mutur Suzuki 250cc. Huwa kien segwit minn Joseph Scicluna fuq Honda u ż-żagħżugħ Bernard Sammut fuq Yamaha 125cc. Klassi B irriżultat f'taqtiegħa nteressanti Matthew Gauci fuq KTM 300cc isib sfida qawwija minn James Zahra fuq Yamaha 250cc biex rebaħ din il-klassi.

Fit-tielet post spiċċa Matthieu Salomon fuq KTM 530cc. Fi Klassi Ċ li jsuqu fija l-muturi Trials kien Renato Mizzi fuq Beta 250cc li kklassifika fl-ewwel post. Huwa kien segwit minn Josmar Mizzi fuq mutur Gas Gas 250cc.

Fil-gorund ta' Sannat, Għajnsielem Red Coats lagħbu logħbiet ta' ħbiberija tal-Baseball għas-settur taż-żgħar tagħhom kontra Luxol Mustangs, mentri fl-istess gorund il-Gozo Rugby League żammew sezzjonijiet ta' taħriġ.

Min-naħa l-oħra l-Gozo Motorcross Association organizzat diversi kompetizzjonijiet fit-trakka tax-Xep f'Ta' Xħajma. Dawn it-tlielaq ġew maqsumin fi tliet kategoriji A , B u Ċ fejn ir-rebbieħa kienu Robert Spiteri f'Kategorija A, Nathaniel Camilleri f'Kategorija B u Jorn Stellini f'Kategorija Ċ.

Dan il-Festival ta' Sport kien ta' suċċess anke mil-lat ekonomiku għal gżira Għawdxija fejn hawn ħafna Maltin għażlu li jitilgħu jakkumpanjaw lill-familjari atleti tagħhom li ħadu sehem f'dawn l-attivitajiet sportivi. Bosta minn dawn ukoll ħadu din l-opportunità biex joqogħdu Għawdex għal tmiem il-ġimgħa.

Matul il-ġurnata tal-Ħadd il-Ministru għal Għawdex, Dr. Anton Refalo flimkien mas-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Chris Agius u li kienu akkumpanjati minn Uffiċċjali tal-Gozo Sports Board fosthom Alvin Grech, Joe Bajada u John Busuttil, flimkien mal-konsulent għal KMS, Mark Cutajar, kif ukoll id-direttur għall-isport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex Joyce Farrugia żaru whud minn dawn l-attivitajiet sportivi.

F'kumment li għamel il-Ministru Refalo, qal li l-Ministeru għal Għawdex qed jaħdem bla heda permezz tal-Gozo Sports Board biex il-poplu Għawdxi jinteressa ruħu fl-isport u jieħu sehem f'kull dixxiplina possibbli u li minn tfulithom ikunu attivi fl-isport.

Huwa qal li biex intlaħaq dan is-suċċess kollu mifrux fuq tant dixxiplini sportivi, kien l-impenn ukoll tal-Ministeru għal Għawdex, permezz tad-direttorat tat-Turiżmu, li għen b'mezzi finanzjarji lil diversi Assoċjazzjonijiet biex Sportivi Maltin jiġu Għawdex u jaqsmu l-esperjenzi u t-talenti tagħhom mal-Għawdxin.

Dan kollu kien ta' nkoraġġiment qawwi favur it-turiżmu intern billi diversi Maltin tħajru jqattgħu tmiem din il-ġimgħa partikolari f'Għawdex.

Min-naħa tiegħu s-Segretarju Parlamentari Agius qal li huwa dejjem emmen li l-isport f'Għawdex għandu bżonn attivitajiet bħal dawn biex iktar dixxiplini sportivi jkunu pprattikati fil-gżira Għawdxija u b'hekk awtomatikament jiżdied l-interess fl-isport.

Dan hu konformi ma' dak kollu li kemm is-Segretarjat tiegħu, kif ukoll il-Kunsill Malti għall-iSport jemmnu li l-isport f'Għawdex għandu jingħata kull attenzjoni mistħoqqa. Huwa żied jgħid li din l-inizjattiva għandha tkun biss il-bidu ta' aktar ħidma flimkien bejn il-Ministru ta' Għawdex, is-Segretarju Parlamentari għall-iSports u l-KMS.



## Fondi Ewropej għat-Turiżmu Sportiv

# Il-Programm COSME jinċentiva d-diversifikazzjoni tal-prodott turistiku




It-turiżmu huwa wieħed mill-pilastri tal-ekonomija Maltija. B'madwar 1.6 miljun turist fis-sena, l-industrija tat-turiżmu fil-Gżejjer Maltin tammonta għal 29% tal-Prodott Domestiku Gross tal-pajjiż. Fl-aħħar seba' snin it-turisti żdiedu b'medja ta' 5% fis-sena, u din iż-żieda hija saħansitra aħjar mit-tkabbir medju fir-reġjun Ewropew.

Dan ma jfissirx li s-settur tat-turiżmu m'għandux sfidi. Fost l-isfidi ewlenin, l-istaġjonalità taffettwa ħażin is-sostenibbiltà tat-turiżmu għax twassal biex ikun hemm konċentrazzjoni kbira ta' turisti fi staġun partikolari minflok firxa aktar wiesa' fuq sena sħiħa. Minn dan ix-xenarju jirriżultaw diversi problemi, fosthom fis-suq tax-xogħol li jkun tajjeb ħafna fis-sajf, iżda jbati fix-xhur l-oħra.

Din l-isfida mhix problema ta' Malta biss, iżda waħda li tolqot it-turiżmu b'mod ġenerali. F'dan ir-rigward Malta diġà għamlet ħafna, u meta mqabbla ma' gżejjer oħra fil-Mediterran, illum Malta hija waħda mill-anqas destinazzjonijiet affettwati ħażin mill-fenomenu tal-istaġjonalità.

Dan ma jfissirx li l-battalja hija mirbuħa, u kulħadd għandu jkompli jagħmel il-parti tiegħu biex din l-isfida tkompli tiġi megħluba. Hawn, il-mira trid dejjem tibqa' d-diversifikazzjoni tas-suq biex jinħolqu attrazzjonijiet ta' interess u differenti, li jġibu lejn Malta aktar turisti fix-xhur li llum mhumiex meqjusa bħala parti mill-istaġun turistiku.

Niċċa b'potenzjal qawwi f'dan is-sens hija s-suq tat-turiżmu sportiv. Bit-temp relattivament tajjeb, anki barra x-xhur tas-sajf, it-turiżmu sportiv jista' jkun mezz importanti ħafna biex tiżdied id-diversifikazzjoni u biex it-turiżmu jissaħħaħ matul is-sena kollha.

Minkejja dan, din l-opportunità fis-suq mhix sfruttata biżżejjed. Skond il-Politika Nazzjonali għat-Turiżmu 2015-2020, minkejja klima favorevoli, huma biss ftit anqas minn nofs it-turisti li jiġu Malta li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet bħal hiking, filwaqt li dixxiplini sportivi, bħalma huma t-tixbit u l-golf jattiraw anqas minn 1%.

Għodda li tista' tgħin biex tingħeleb din il-problema u tiġi ffaċċjata l-isfida tal-istaġjonalità u d-diversifikazzjoni, hija s-sejħa għal proġetti b'finanzjament Ewropew, 'Supporting Competitive and Sustainable Growth in the Tourism Sector' taħt il-








programm 'Competitiveness of Enterprises and Small and Medium-sized Enterprises (SMEs)'(COSME).

Waħda mit-temi taħt din is-sejħa hija proprju d-diversifikazzjoni tal-offerta turistika permezz ta' prodotti mifruxa fuq aktar minn pajjiż wieħed fil-qasam sportiv. L-UE tħares lejn proġetti li jiffokaw fuq attivitajiet sportivi bħaċ-ċikliżmu u t-trekking, b'rotot li jkopru aktar minn destinazzjoni waħda, bħala niċċa importanti b'potenzjal kbir għat-tkabbir ekonomiku.

Bi prodotti turistiċi sostenibbli bħal dawn ikun qed jiġi aċċertat li l-benefiċċji ekonomiċi jitqassmu fuq firxa aktar wiesa', u jilħqu kemm liċ-ċittadini u kif ukoll lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Dawn l-inizjattivi jgħinu wkoll biex jinħoloq aktar xogħol u biex il-benefiċċji ekonomiċi tat-turiżmu jinfirxu mill-bliet għaż-żoni rurali.

Dan huwa rifless fil-kriterji tal-applikazzjoni taħt din is-sejħa, fejn l-UE trid tinċentiva l-parteċipazzjoni tal-oqsma differenti tas-soċjetà, u hekk taċċerta li l-proposti jkunu aktar ħolistiċi u jolqtu l-interessi ta' kulħadd.

Fil-fatt, il-proposti taħt din it-tema partikolari għandhom jitressqu minn konsorzji li jkunu fformati minn żewġ SMEs li jaħdmu fil-qasam turistiku, kunsill lokali jew awtorità reġjonali jew nazzjonali, u assoċjazzjoni, federazzjoni jew organizzazzjoni li taħdem fil-qasam sportiv. Dawn l-entitajiet iridu jkunu ġejjin minn tal-anqas erba' pajjiżi differenti tal-UE.

Fost l-oħrajn, il-proġetti jistgħu jinkludu l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' turiżmu sostenibbli, il-promozzjoni ta' dawn l-inizjattivi f'pajjiżi differenti, u koperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat biex jiġu pprovduti prodotti turistiċi u kampanji promozzjonali innovattivi. Is-sejħa għandha wkoll l-għan li tgħin lill-SMEs jiżviluppaw prodotti turistiċi aktar sostenibbli u li jgħinu fid-diversifikazzjoni tas-suq.

L-għotja massima għal kull proġett se tkun ta' €250,000, filwaqt li l-kofinanzjament mill-UE jista' jitla' sa 75% tal-ispejjeż eliġibbli. Is-sejħa tagħlaq fit-30 ta' Ġunju, u dawk interessati li jissottomettu l-proposti tagħhom huma mitluba jikkuntattjaw lill-MEUSAC fuq 22003300 jew funding.meusac@gov.mt.

Aktar informazzjoni fuq is-sejħa tinsab fuq is-sezzjoni tas-sejħiet għall-proposti tas-sit elettroniku tal-MEUSAC www.meusac.gov.mt

minn Vincent Pisani

## Kampjonat tad-Dinja tas-Snooker 2015

# Stuart Bingham champion tad-dinja għall-ewwel darba




Il-player professjonali Ingliż, Stuart Bingham għall-ewwel darba fil-karriera tiegħu, rebaħ il-Kampjonat Mondjali flimkien ma' ċekk ta £300,000 meta f'final mill-aktar eċċitanti għeleb lil Shaun Murphy 18-15.

Il-frames tas-sessjonijiet intrebħu hekk: (Bingham l-ewwel)

**L-ewwel sessjoni (4-4)**: 44-103 (68), 51-69 (59), 5-74 (65), 105-0 (105), 68-15 (56), 0-90 (90), 55-7, 73-30 (65).

**It-tieni sessjoni (8-9)**: 57-74 (Bingham 57, Murphy 74), 1-106 (106), 14-221 (121), 41-97 (51), 76-1 (76), 129-7 (123), 113-0 (89), 0-76 (76), 67-22 (53)

**It-tielet sessjoni (14-11)**: 87-4 (87), 68-40 (51), 112-0 (112), 95-23 (50), 4-80 (59), 87-0 (87), 0-84 (84), 86-7 (57).

**Ir-raba' sessjoni (18-15)**: 6-73, 102-6 (102), 55-75 (75), 29-68 (64), 0-76, 80-56, 68-3 (55), 88-1 (88).

Bingham li għadu kemm għalaq id-39 sena, twieled gewwa Basildon, f'Essex, l-Ingilterra u sar player professjinali fl-1996 meta kellu 20 sena. Dik is-sena rebaħ l-IBSF World Championship (Kampjonat tad-Dinja ta' l-Amatuers). Bingham irnexxielu jidħol fil-lista tal-aqwa 32 meta kellu 30 sena. Fil-karriera tiegħu rebaħ l-ewwel Ranking Tournament fl-2011 (Australian Goldfield Open) filwaqt li s-sena l-oħra kien rebaħ ix-Shanghai Masters.

Iż-żewġ players professjonali Maltin, Tony Drago u Alex Borg, tilfu fl-ewwel round preliminari. Drago tilef 10-7 kontra Sam Baird filwaqt li Alex Borg tilef 10-8 kontra Jamie Burnett.

Il-Prize Money totali din is-sena laħħaq £1,364,000.




*Shaun Murphy u Stuart Bingham qabel il-finali*

## Vienna Snooker Open 2015

# Tony Drago jasal sal-Kwarti-Finali u Brian Cini mal-Aħħar 16



*Tony Drago fl-azzjoni*

Tony Drago irnexxielu jasal sal-kwarti-finali fil-Vienna Snooker Open meta tilef 3-0 kontra Gary Wilson. Kwarta biss qabel ma bdiet il-logħba, il-boċċi ġew ippolixxjati u hawnekk Drago ressaq l-ilmenti tiegħu peress li dan kien se jħalli impatt negattiv fuq il-logħba tiegħu għax mhux normali li jsir dan f'logħob professjonali li mdorri jilgħab hu.

Fil-Fażi tal-Gruppi, Tony Drago rreġistra erba' rebħiet minn daqstant logħbiet biex spiċċa fl-ewwel post u għalhekk ikkwalifika mill-ewwel mal-Aħħar 32. F'dan ir-round huwa għeleb lil Ede Dunai 3-0 biex fil-Aħħar 16 huwa għeleb lill-Awstrijak Paul Schopf 3-0 ukoll. Matul it-tournament, Tony Drago irnexxielu jagħmel tliet century breaks ta' 110, 105 u 104.

Min-naħa tiegħu, Brian Cini ukoll rebaħ l-erba' logħbiet tiegħu fil-Fażi tal-Gruppi biex ikkwalifika wkoll mil-ewwel għar-round tal-Aħħar 32. F'dan ir-round, Cini għeleb lill-player Ġermaniż Daniel Schneider 3-0 biex fl-Aħħar 16 tilef kontra l-player professjonali u n-numru 73 tad-dinja, Graig Steadman 3-0.

F'dan it-tournament, ħadu sehem 80 player minn diversi pajjiżi Ewropej. Il-premjijiet totali kienu jammontaw għal €10,000. Drago ħa s-somma ta' €400 filwaqt li Cini ingħata €200. Ir-rebbieħ tat-tournament Peter Ebdon, li fil-final għeleb lil Mark King 5-3, ħa s-somma ta' €2,500.



## World Snooker

# Il-premjijiet għall-Kampjonati dinjija se jlaħħqu £2 miljuni

Ic-Chairman tal-World Snooker, Barry Hearn, ħabbar li mill-istaġun 2017/18 il-premjijiet totali għall-World Championship ser jibdew ilaħħqu £2 miljuni filwaqt li r-rebbieħ ser jibda jingħata £500,000.

Huwa ħabbar ukoll li filwaqt fl-2010 kienu saru tmien tournaments u l-premjijiet kienu jlaħħqu £3.5 miljuni, mis-sena d-dieħla ser ilaħħqu £8.5 miljuni filwaqt li mill-istaġun 2016/17 il-premjijiet ser ikomplu jitilgħu għal £10 miljuni

## World Snooker

# Brian Cini sfortunat li jitlef kontra l-Ġermaniż Lucas Kleckers



*Brian Cini (lemin) flimkien ma' Lucas Klecker u r-referee qabel il-logħba*

Il-player żagħżugħ Malti Brian Cini kellu Challenge Match fil-Ġermanja kontra l-aqwa player Ġermaniż fil-lista tar-Rankings Under 21 fil-Ġermanja, Lucas Kleckers. Cini tilef il-logħba 4-3 meta fl-aħħar frame il-player Ġermaniż kien fortunat li sab boċċa u li minnha għamel break ta' 40.

Il-logħba intlagħbet fil-belt ta' Munich u kienet organizzata minn KSS Events, waħda mil-kumpaniji li jisponsorjaw ħafna logħob internazzjonali kif ukoll lil l-istess Brian Cini.

Brian Cini huwa sponsorjat ukoll minn Fracht Malta Ltd.

# Kampjonat 1960-61

# Ic-Champions Valletta jibdew b'rebħa

L-Ewwel Ġurnata

**01-10-1960:**
**Valletta FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**

**H.T 2-0 Att: 9,707**
**Skorja: N. Chircop (V) 7' u 32'.**
**Referee: Pawlu Bonnett**

Valletta FC: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Frankie Zammit, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Nenu Chircop, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

Sliema Wdrs. FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Grima, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Silvio Micallef, Albert Calleja, Robbie Buttigieg, Ġulinu Muscat, John Bonnett, Leli Sammut.

1. Għar-raba' sena konsekuttiva Valletta FC u Sliema Wanderers iltaqgħu fl-ewwel ġurnata tal-kampjonat. Fil-fatt meta kienu qed jittellgħu l-poloz fil-kwartieri tal-MFA it-Tlieta 16 ta' Awwissu, 1959, id-delegat ta' Sliema biċ-ċajt kien instema' jgħajjat 'Ara terġgħux itellgħuna mal-Belt!' Fil-fatt l-ewwel team li tela' bix-xorti kien Valletta u eżatt warajhom ittella' l-isem ta' Sliema Wanderers.

2. Debutt mill-aqwa għall-akkwist ta' Valletta Nenu Chircop li ġie akkwistat fis-sajf mingħand Birkirkara FC meta kien hu li skorja ż-żewġ goals ta' Valletta. Chircop kien kważi sieħeb lil Floriana li damu diversi ġimgħat jinnegozjaw ma' Birkirkara biex daħlulhom Valletta u ħadulhom huma.

3. It-tieni goal ta' Valletta wasal minn żball tal-goalkeeper Cosby li deher li kien salva l-ballun b'idejh it-tnejn mgħollija fuq rasu meta b'sorpriża l-ballun żelaqlu għal wara dahru u spiċċa fix-xibka. Cosby kien għadu kemm irkupra minn operazzjoni f'idejh li kien għamel fl-isptar tal-Blue Sisters.

4. Fit-team Belti kien hemm Frankie Zammit li kien dubjuż wara li ġimgħa qabel kien weġġa' u nħareġ fuq stretcher kwarta minn tmiem il-logħba MFA Amateurs XI – Massimiliana (3-3).

5. L-akkwisti l-ġodda ta' Sliema Wanderers kienu John Bonett mingħand Melita FC, Leli Sammut mingħand Little Rainbows, Albert Calleja mingħand Ħamrun Sp. FC u r-ritorn ta' Silvio Micallef mingħand l-istess club tal Ispartans.

Calleja għall-ewwel kien iffirma ma' Marsa FC iżda dawn ħallewh jitlaq meta ħasbu li ma setax jakkwista l-clearance certificate mingħand Ħamrun Spartans.

Min-naħa tagħhom Sliema taw ir-release lill-player Oreste Debono li ma rnexxielux jieħu postu fl-ewwel team tal-Wanderers filwaqt li ċedew lill-goalkeeper Victor Xerri lil Floriana. Xi partitarji Slimiżi kienu rrabjati mal-Kumitat fuq dan it-trasferiment iżda fuq il-magazine tal-Wanderers 'Blue Review' huma avżaw li kien Xerri li ried jitlaq ma' kwalunkwe club għax ma xtaqx jilgħab ma' Sliema.

6. Sliema Wanderers kienu tilfu s-servizzi ta' Ray Edwards li fil-21 ta' Lulju 1960 kien emigra lura lejn il-Kanada filwaqt li kellhom nieqes lil Sammy Nicholl li kien beda t-training tard meta għall-ewwel kellu l-ħsieb li ser jieqaf mill-football. Anke Alex Gollcher kien nieqes minħabba nuqqas ta' training wara stagun impenjattiv għalih fil-waterpolo ma' Sliema. Barra minn hekk Joe Xuereb 'Il-Jockey' infurmahom li kien ser jibqa' l-Ingilterra fuq xogħol mal-kumpanija Cable & Wireless għal sena oħra.

7. Sliema kienu taħt il-gwida ta' Mr. J. Warlock filwaqt li Mr. Norris kien il-Physical Training Instructor. Valletta minn naħa tagħhom kienu kkonfermaw lil Norman Dingwell fil-kariga ta' coach tat-team tal-kbar filwaqt li Twanny Formosa, li kien għadhom kemm akkwistawh mingħand Vittoriosa Stars u li kien ukoll coach ikkwalifikat, tawh f'idejh it-team tal-Minors. Formosa fis-snin sebgħin kien coach ta' diversi clubs ewlenin fosthom anke tat-team nazzjonali Malti.

8. Valletta tilfu lill-players Vince Relton li sieħeb lil Gżira United, Philip Baldacchino u Sunny Curmi li sieħbu lil Zebbug Rangers u lil George Curmi li sieħeb lil St. George's FC. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tas-6 ta' Ottubru, 1960, Valletta kienu rrapportaw lill-player George Curmi li meta kien amateur magħhom persuna mill-Belt kienet tagħtu £23 u 10 xelini. Valletta rtiraw il-każ ġimgħa wara meta nfurmaw lill-Kunsill li l-persuna li għamlet l-allegazzjoni kienet irtirat kollox.

9. Ir-referee Pawlu Bonnett kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni.

**02-10-1960:**
**St. Patrick FC – Marsa FC 1-0**

**H.T 0-0 Att: 3,408**
**Skorja: R. Psaila (S) 76'.**
**Referee: George Degiorgio**

St. Patrick FC: Charlie Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Gori Farrugia, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Joe Drago, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Pawlu Farrugia, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Zahra.

Marsa FC: Salvu Alamango, Charles Cassar, Renzo Coleiro, Norman Bell, Mario Bonello, Ernie Glynn, Frans Borg, Charlie Parnis, J. Azzopardi, Alfred Parnis, Freddie Chircop.

1. St. Patrick kienu qed jilagħbu mingħajr Charlie Mattocks, Cumbo u Joe Anastasi li kollha kienu mweġġa'.

2. Marsa tilfu lill-attakkant tagħhom Fredu Abela 'L-Isteak' li fis-27 ta' Ġunju 1960 kien emigra lejn l-Awstralja. Huwa kien kważi sieħeb lil Sliema Wdrs. Li kienu qed joffru tpartit mal-goalkeeper Victor Scerri, iżda wara li Marsa ma qablux ma' dan it-trasferiment il-player telaq lejn l-Awstralja. Marsa tilfu aktar players meta t-tliet aħwa – Martin, Pawlu u Sunny Attard - sieħbu lil Ħamrun Spartans, Harold Henwood sieħeb lil Zebbug Rangers filwaqt li Fredu Cauchi rritorna ma' Floriana FC.

3. B'konsegwenza ta' dan, Marsa kienu attivi ħafna fis-suq tat-trasferimenti sabiex jissaħħu. Huma kisbu s-servizzi ta' Alfred Parnis mingħand Zebbug Rangers bi bdil ma' Henwood u £150, akkwistaw lil Norman Bell mingħand Birkirkara FC għal £130, lil Renzo Coleiro mingħand Hibernians, lil Charlie Parnis mingħand il-ġirien Ħamrun Spartans, Freddie Chircop ex-player ta' Birkirkara FC li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' Żejtun Corinthians għal £175 u Mario Bonello ex-player ta' Rabat FC li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' St. George's FC.

4. Ma' dawn l-akkwisti, Marsa kellhom lura fit-team lil Frans Borg li fl-istaġun ta' qabel kien lagħab erba' partiti biss u kien infurmahom li kien ser jieqaf mill-football u lill-goalkeeper Salvu Alamango li fl-istaġun ta' qabel kellu l-inkwiet mall-club, tilef xi partiti, u irritorna bejn il-lasti ta' Marsa fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat fit-telfa ta' 9-0 kontra Valletta.

5. L-akkwisti l-ġodda ta' St. Patrick FC kienu ta' Joe Cassar mingħand Gżira United u Joe Bugeja mingħand Hibernians FC. Huma tilfu lill-player Charlie Gatt li fil-21 ta' Settembru 1960 emigra lejn l-Awstralja filwaqt li Gużi Dimech sieħeb lil Ħamrun Spartans.

6. Joe Vella, li fil-passat lagħab fl-ogħla diviżjoni ma' Melita FC, huwa l-player-coach ġdid ta' Marsa filwaqt li Willie Scerri, ex-player ta' Floriana FC u St. George's, huwa l-coach il-ġdid ta' St. Patrick's. Xerri kien ukoll player ta' Lija Athletic fit-Tieni Diviżjoni.

**08-10-1960:**
**Ħamrun Sp. FC – St. George's FC 0-0 Att: 4,824**
**Referee: Ritchie Casha**

Ħamrun Sp. FC: Johnnie Chetcuti (Jimmy Gatt 46'), Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Tony Mus-

cat, Paul Mallia, Neville Mallia, Pawlu Buttigieg, Gejtu Briffa, Ġużi 'Rumba' Dimech, Salvinu Schembri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

St. George's FC: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, George Curmi, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Leli Stivala.

1. L-ewwel sostituzzjoni fil-kampjonat Malti kienet tal-goalkeeper ta' Ħamrun Spartans Johnnie Chetcuti li fil-ħin tal-mistrieħ ġie mibdul ma' Jimmy Gatt li kellu biss 15-il sena u xahrejn. Il-goalkeeper Ħamruniż Chetcuti kien weġġa' l-għaksa ftit qabel u fil-fatt tilef il-bqija tal-kampjonat.

2. Ħamrun Spartans kienu qed jilgħabu mingħajr 'In-Nene' Grech li kien imweġġa' u falla l-friendlies kollha ta' qabel il-kampjonat. Min-naħa l-oħra huma kellhom fil-formazzjoni lill-veteran Salvinu Schembri li reġa' rritorna jilgħab il-football meta nħatar player-coach tal-club Ħamruniż.

L-aħħar dehra ta' Schembri fil-kampjonat kienet sena u nofs qabel, fi Frar tal-1959, ma' Sliema fir-rebħa ta' 5-1 fuq Hibernians. Biex seta' jilgħab il-Wanderers ma sabux oġġezzjoni li jagħtuh il-Form K minkejja li lilhom kien qalilhom li ma setax jilgħab aktar minħabba uġiegħ kontinwu f'irkopptu.

3. Ħamrun ma ssugrawx jagħmlu użu mill-aħwa Martin u Pawlu Attard li kienu ffirmaw magħhom, meta l-ex-club tagħhom Marsa FC irrapportaw lill-MFA li l-aħwa kellhom bżonn il-permess tagħhom biex isieħbu lill-Ispartans minħabba li ma kienux amateurs meta s-sena l-oħra kienu tħallsu xi flus. Marsa anke pprovdew irċevuta ta' £7 li kienu ħallsu lill-Professur Craig u lil Kiropodista Buontempo bħala kura ta' Martin Attard meta dan kien imweġġa'.

4. St. George's kellhom nieqsa lil Ġużi Ciantar li kellu l-cartilage u lil Bertu Schreiner li kien ġie sospiż tliet xhur u mmultat nofs lira meta kien tkeċċa wara li xejjer bis-sieq lil Ċikku Xuereb ta' Hibernians fil-partita tal-kampjonat tat-2 ta' April 1960. Min-naħa l-oħra St. George's inkludew b'sorpriża fit-team lil Leli Stivala u Lolly Cuschieri li kienu għadhom kemm iffirmaw mas-Saints ġurnata biss qabel din il-partita u fallew it-training kollu ta' qabel il-kampjonat. Fil-fatt Lolly Cuschieri ma setax jinżel għat-training kuljum minħabba li kien qed jagħmel kors għad-Diploma in Building Construction.

5. L-akkwisti l-ġodda tal-club ta' St. George's FC kienu Leonard Mizzi mingħand Floriana FC u George Curmi mingħand Valletta FC filwaqt li ċedew lil Joe Licari u Willie Xerri li sieħbu lil Lija Athletics.

6. Fl-ewwel dehra tiegħu mas-Saints George Curmi tkeċċa fis-67 minuta wara li ta daqqa ta' ras lir-referee Ritchie Casha meta kien qed jipprotesta bl-aħrax kontra l-goal tal-Ispartans. Ir-referee fil-fatt ħassar il-goal ftit wara meta kkonsulta mal-linesman. Ir-referee kien dahru lejn l-azzjoni u ma setax jara lil Twanny Cassar 'Il-Ginger' iżomm b'idu freekick ta' St. George's mogħti minn Lolly Cuschieri qabel spara l-ballun fix-xibka. Curmi, minkejja li kellu raġun fil-protesti, ma kellux raġun fl-azzjoni u ġie sospiż għal tliet xhur.

7. Ġużi Dimech irritorna mal-Ispartans wara xi żmien jilgħab ma' Marsa FC u St. Patrick FC.

Akkwisti oħra tal-Ispartans kienu ta' Tony Muscat mingħand Mosta FC, l-aħwa Martin, Pawlu u Sunny Attard mingħand Marsa, il-goalkeeper Lino Mizzi mingħand Valletta u Lino Sciberras mingħand Birkirkara. Min-naħa tagħhom l-Ispartans ċedew lill-goalkeeper Ronnie Farrugia lill-ġirien Santa Venera Lightnings fit-Tielet Diviżjoni.

8. St. George's kienu rranġaw id-differenzi mall-goalkeeper Ġużi Bonnici 'Il-Yumi' u ma' Nenu Mizzi iżda Salvu Scicluna 'L-Iscotch' baqa' ma niżilx għat-training.

9. Karmenu Frendo ffirma bħala player professional ma' St. George's. Minħabba li kien jaħdem messaġġier mal-Barclays huwa kellu jġib permess mix-xogħol tiegħu qabel iffirma professional.

**09-10-1960:**
**Hibernians FC – Floriana FC 2-1**

**H.T 1-1** **Att: 8,184**

**Skurjaw: L. Theobald (H) pen. 16', F. Cauchi (F) 25' u F. Xuereb (H) 88'.**
**Referee: Turu Lentini**

Hibernians FC: Alfred 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Henry Vella, Victor 'Il-Palun' Cassar, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

Floriana FC: Victor Scerri, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Żarenu Alamango, Fred Barry, Freddie Vella James, Fredu Cauchi, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Billy Dalli, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Floriana FC kellhom nieqsa lil Twanny Sultana li kien sospiż, Eddie Bonnett li weġġa' fil-friendly tas-17 ta' Settembru 1960 meta lagħab ma' HMS Ausonia fit-telfa ta' 11-1 kontra Sliema.

Barra minn hekk, Floriana kienu għadhom ma jistgħux jagħmlu użu mis-servizzi tal-player tagħhom Charles Brincat 'In-Nossa'. Huwa kien reġa' beda jittrenja mal-club Furjaniż fil-bidu ta' dan l-istaġun wara nuqqas ta' sentejn iżda reġa' beda jħoss l-uġiegħ tal-cartilage f'irkupptejh it-tnejn u aktar tard iddeċieda li jieqaf mill-football.

2. Minkejja li diġà kellhom żewġ goalkeepers, Nenu Fabri u Albert Borg, Floriana akkwistaw lill-goalkeeper ta' Sliema Victor Scerri.

Sabiex akkwistawh huma ħallsu lill-Wanderers £400 wara li għall-ewwel fin-negozjati kien hemm il-ħsieb li jinbidel ma' Billy Dalli. Victor Scerri, li kien għamel il-kors tal-coaching, f'dan l-istaġun kien ukoll coach ta' Gżira United.

Akkwist ieħor ta' Floriana kien ir-ritorn ta' Fredu Cauchi wara sentejn ma' Marsa FC. Fredu Cauchi jiġi iben il-Kaneni Cauchi, il-player Furjaniż tas-snin tletin. Min-naħa l-oħra Floriana ċedew lil Charles Galea lil Vittoriosa Stars, u lil Godwin Camilleri u Lolly Schembri li sieħbu lil Zebbug Rangers.

3. Il-coach il-ġdid ta' Floriana huwa Harry Tedder li fil-passat kien il-coach tar-rivali tagħhom Valletta FC.

Min-naħa tagħhom Hibernians ikkonfermaw lil Salvu Cuschieri bħala coach u lil Tommy Smith bħala Physical Training Instructor.

4. Hibernians inkludew b'sorpriża lill-player Jimmy Mizzi li kellu l-inkwiet mal-club u ma kienx qed jinżel għat-training. Huwa xtaq li jsieħeb lil St. George's.

5. L-akkwisti l-ġodda ta' Hibernians kienu Andrew Ellul li ġie akkwistat mingħand Sliema Wdrs. FC u Victor Cassar li fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab ma' Zebbug Rangers FC.

6. Hibernians tilfu lill-goalkeeper promettenti tagħhom Lino Spiteri 'Iż-Żeman' wara li dan daħal fil-Korp tal-Pulizija. Spiteri kellu jitlef ħajtu waqt li kien qed jilgħab partita football mall-Pulizija fis-snin sebgħin. Players oħra li ħallew lil Hibernians kienu Sunny Caruana li sieħeb lil Lija Athletic, Joe Ebejer sieħeb lil Vittoriosa Stars, Borg Myatt lil Little Rainbows, Joe Bugeja lil St. Patrick filwaqt li Joe Cini ffirma professional ma' Sliema Wanderers.

7. F'din il-ġurnata l-player ta' Floriana Żarenu Alamango twelidlu t-tifel, Tony, li fis-snin tmenin lagħab hu wkoll ma' Floriana.

8. Din il-partita suppost li kienet ikkontrollata mir-referee Joe Cassar Naudi, iżda dan kien qed jirrifjuta li jikkontrolla logħob tal-MFA sakemm jittieħdu passi kontra l-player Fredu Church ta' Hibernians wara li dan kien xejjer daqqa ta' ponn lir-referee Cassar Naudi f'partita mill-kwarti tal-finali tal-FA Trophy kontra Valletta li kienet intlagħbet fid-29 ta' Mejju 1960.

L-MFA ma kinetx ħadet passi minħabba li Church kien għadu ma deherx quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Sadanittant Church kien deher quddiem il-Qorti, nstab ħati u ġie mmultat £2.

9. Qabel din il-partita l-player ta' Hibernians Louis Theobald kien ġie ppreżentat bit-Trofew tal-Footballer of the Year.

**Klassifika:**
Valletta FC, St. Patrick FC u Hibernians FC 2 pti.; Ħamrun Sp. FC u St. George's FC 1 pt.; Marsa FC, Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorer:**
N. Chircop (Valletta FC) 2 goals.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 97

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 97 huwa:
**Joe Farrugia - St Venera**





# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 97

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | A | S | S | A | R | N | A | U | D | I |
| A | | V | | M | | O | | D | | R |
| S | H | I | R | O | J | U | D | O | K | W |
| T | | T | | R | | G | | | | I |
| R | I | O | L | O | | A | M | | U | N |
| O | | L | | S | O | T | O | | R | |
| G | H | I | G | O | | | N | E | R | E |
| I | | N | A | | R | | T | | | |
| O | L | A | R | T | I | C | O | E | C | H |
| V | | | Y | | V | | L | | O | |
| A | B | U | | R | E | G | I | O | N | S |
| N | | R | | O | R | | V | | T | |
| N | A | Z | A | R | | J | O | S | I | E |
| I | | Y | | Y | A | O | | E | | L |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2015:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħa Ħarġa nru 97: Francis Calleja - Swieqi**

**Mimdudin**

1) Philip, bowler internazzjonali Malti (9)
6) Fontaine, għadu jżomm ir-rekord ta' 13 il-gowl fil-FIFA WC '54 (4)
8) u 17) Hans, difensur Ġermaniż fil-FIFA WC 1954 (5)
9) Kei, tennist professjonali Ġappuniż (9)
10) Gerada, eks atleta Maltija fil-Long u Triple Jump (4)
11) Lindsey, ski racer Amerikana 4 darbiet champion tad-dinja (4)
12) Mauro, president tal-Malta Ten-pin Bowling Association (8)
17) Ara 8 Mimdudin
18) Camilleri, wieħed mill-aqwa difensuri Maltin ta' kull żmien (5)
20) David iddefenda l-lasti tal-Ingilterra f'75 partita (6)
21) u 33) Paulo, eks attakkant Brażiljan ta' Flamengo u Benfica (5)
22) Ryan, 672 partita u 114 gowl għal Man Utd (5)
23) Giorgio, attakkant Taljan li beda l-karriera ma' Swansea Town (9)
27) Aurelio de Laurentis, President ta' SS Calcio Napoli (1,1,1)
28) Sergio "The Latin Snake" ...., boxer Messikan-Amerikan (4)
30) "....... Sports", magażin Ingliż ta' li Sports u Fitness (7)
32) Dowling, plejer internazzjonali Malti tal-Waterpolo (3)
33) Ara 21 Mimdudin
34) Bernard, eks gowlkiper ta' Paris SG u Franza (4)
35) Chris, baskitboler Malti ta' Cynergi Virtus (7)
37) Edward lagħab partita waħda għall-Ingilterra fl-1875 (8)

**Weqfin**

1) Philip, bowler internazzjonali Malti (9)
6) Fontaine, għadu jżomm ir-rekord ta' 13 il-gowl fil-FIFA WC '54 (4)
8) u 17) Hans, difensur Ġermaniż fil-FIFA WC 1954 (5)
9) Kei, tennist professjonali Ġappuniż (9)
10) Gerada, eks atleta Maltija fil-Long u Triple Jump (4)
11) Lindsey, ski racer Amerikana 4 darbiet champion tad-dinja (4)
12) Mauro, president tal-Malta Ten-pin Bowling Association (8)
17) Ara 8 Mimdudin
18) Camilleri, wieħed mill-aqwa difensuri Maltin ta' kull żmien (5)
20) David iddefenda l-lasti tal-Ingilterra f'75 partita (6)
21) u 33) Paulo, eks attakkant Brażiljan ta' Flamengo u Benfica (5)
22) Ryan, 672 partita u 114 gowl għal Man Utd (5)
23) Giorgio, attakkant Taljan li beda l-karriera ma' Swansea Town (9)
27) Aurelio de Laurentis, President ta' SS Calcio Napoli (1,1,1)
28) Sergio "The Latin Snake" ...., boxer Messikan-Amerikan (4)
30) "....... Sports", magażin Ingliż ta' li Sports u Fitness (7)
32) Dowling, plejer internazzjonali Malti tal-Waterpolo (3)
33) Ara 21 Mimdudin
34) Bernard, eks gowlkiper ta' Paris SG u Franza (4)
35) Chris, baskitboler Maltia ta' Cynergi Virtus (7)
37) Edward lagħab partita waħda għall-Ingilterra fl-1875 (8)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt


SPORTIV
Hiberni
BOV Premier League Champion
OurTime.
/cisk


ians FC
HIBERNIANS F.C. PAOLA MALTA
19 22
ns - Season 2014/2015
Agius
Since 1950
Studio Paola
CiskTime.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts